



Dokument ta' sessjoni

A9-0275/2021

1.10.2021

RAPPORT

li jinkludi rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos
(2019/2182(INL))

Kumitat għall-Impjegi u l-Affarijiet Soċjali

Rapporteur: Nikolaj Villumsen

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli tal-Proċedura)

WERREJ

Paġna

| | |
|---|----|
| MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW | 3 |
| ANNEX I GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA..... | 21 |
| Direttiva qafas Ewropea għall-istrategġiji nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos | 21 |
| ANNEX II GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA..... | 23 |
| Aġġornament tad-Direttiva 2009/148/KE..... | 23 |
| ANNEX III GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA..... | 34 |
| Ir-rikonoxximent u l-kumpens tal-mard relatat mal-asbestos | 34 |
| ANNEX IV GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA..... | 35 |
| Aġġornament tad-Direttiva 2010/31/UE - L-iskrinjar tal-asbestos qabel xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija | 35 |
| ANNEX V GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDAZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA..... | 36 |
| L-iskrinjar tal-asbestos ta' bini għall-bejgħ jew għall-kiri | 36 |
| NOTA SPJEGATTIVA | 38 |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL | 41 |
| OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR | 54 |
| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI..... | 62 |
| VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI..... | 63 |

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos (2019/2182(INL))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 225 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE),
- wara li kkunsidra l-Artikoli 152 u 154 tat-TFUE dwar ir-rwol u l-konsultazzjoni tas-sħab soċjali,
- wara li kkunsidra l-punti (1) u (2) tal-Artikolu 153 tat-TFUE,
- wara li kkunsidra l-punti (1), (3), (4) u (5) tal-Artikolu 192 tat-TFUE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 194(2) tat-TFUE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 114(1) tat-TFUE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 168 tat-TFUE,
- wara li kkunsidra l-Artikolu 169(3) tat-TFUE,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol¹,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2010/31/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 2010 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (tfassil mill-ġdid)²,
- wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol³,
- wara li kkunsidra d-Direttiva 2004/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema minn riskji relatati mal-espożizzjoni għal karċinoġeni jew mutaġeni fuq il-post tax-xogħol (Sitt Direttiva individwali fis-sens tal-Artikolu 16(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 89/391/KEE)⁴,
- wara li kkunsidra l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamati fis-17 ta' Novembru 2017 b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni (il-Pilastru),

¹ ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28.

² ĠU L 153, 18.6.2010, p. 13.

³ ĠU L 183, 29.6.1989, p. 1.

⁴ ĠU L 158, 30.4.2004, p. 50.

- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-4 ta' Marzu 2021 dwar Il-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (COM(2021)0102),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-14 ta' Marzu 2013 dwar theddid għas-saħħa okkupazzjonali marbut mal-asbestos u prospettivi għall-eliminazzjoni tal-asbestos eżistenti kollu⁵,
- wara li kkunsidra l-linji gwida prattiċi għall-informazzjoni u t-taħriġ tal-ħaddiema involuti fix-xogħol tat-tneħħija jew il-manutenzjoni tal-asbestos tal-Kummissjoni (2012),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tas-6 ta' Ġunju 2014 dwar Qafas Strateġiku tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali 2014-2020 (COM(2014)0332),
- wara li kkunsidra l-Evalwazzjoni tal-Implimentazzjoni Prattika tad-Direttivi tal-UE dwar is-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali fl-Istati Membri tal-UE (Cowi) ippubblikata mill-Kummissjoni,
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-15 ta' Mejju 2019 bit-titolu "Ix-xogħol bl-asbestos fir-rinnovazzjoni tal-enerġija",
- wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Frar 2015 dwar "It-tneħħija għalkollox tal-Asbestos mill-UE",
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Marzu 2021 dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kumerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini (ir-Regolament dwar il-Prodotti għall-Bini)⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-10 ta' Lulju 2020 dwar l-Istrateġija għas-Sostenibbiltà fir-rigward tas-Sustanzi Kimiċi^{1a},
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Strateġija dwar is-Sustanzi Kimiċi għas-Sostenibbiltà. Lejn Ambjent Ħieles mit-Tossiċità" (COM(2020)0667),
- wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tal-Kunsill bit-titolu "Strateġija tal-Unjoni dwar Sustanzi Kimiċi Sostenibbli: Żmien ta' Azzjoni" tat-12 ta' Marzu 2021,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja" (COM(2020)0662),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2021 bit-titolu "Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer" (COM(2021)0044),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Marzu 2020 bit-titolu "Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari. Għal Ewropea aktar nadifa u

⁵ ĠU C 36, 29.1.2016, p. 102.

⁶ Testi adottati, P9_TA(2021)0074.

kompetittiva" (COM(2020)0098),

- wara li kkunsidra r-rapport xjentifiku tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi (ECHA) għall-evalwazzjoni tal-valuri ta' limitu għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol, tal-1 ta' Frar 2021,
 - wara li kkunsidra r-rapport bit-titolu "Conquering Cancer: Mission Possible" (Negħbu l-Kanċer: Missjoni Possibbli) fi ħdan il-qafas tal-Programm Qafas għar-Riċerka u l-Innovazzjoni ta' Orizzont Ewropa (2021-2027),
 - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) stipulati fl-iskeda informattiva "Elimination of asbestos-related diseases" (L-eliminazzjoni tal-mard relatat mal-asbestos) ta' Marzu 2014,
 - wara li kkunsidra l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, b'mod partikolari l-għan 3 dwar id-dritt għal saħħa tajba u benesseri,
 - wara li kkunsidra l-Artikoli 47 u 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
 - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel u tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur,
 - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali (A9-0275/2021),
- A. billi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem għandu jkun assigurat fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u tal-attivitajiet kollha tal-Unjoni;
- B. billi l-asbestos jikkawża bejn 30 000 u 90 000 mewta fis-sena fl-Unjoni;
- C. billi l-kanċer okkupazzjonali l-aktar komuni huwa l-kanċer tal-pulmun, li jikkostitwixxi bejn 54 % u 75 % tal-każijiet ta' kanċer okkupazzjonali, u billi l-asbestos huwa l-kawża ewlenija tal-kanċer tal-pulmun (45 %) ⁷; billi l-esponiment għall-asbestos flimkien mal-użu tat-tabakk iżidu b'mod konsiderevoli r-riskju li jiġi żviluppat kanċer tal-pulmun ⁸;
- D. billi l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC), irrikonoxxiet l-asbestos bħala karċinoġenu ppruvat (grupp 1) li huwa responsabbli għall-asbestożi, għall-kanċer tal-pulmun u l-mesoteljoma kif ukoll għall-kanċer tal-larinġi u ovariku; billi għandha tiġi promossa r-riċerka dwar kanċers oħra kkawżati mill-asbestos kif ukoll dwar kundizzjonijiet oħra tas-saħħa li ma jikkawżawx il-kanċer ⁹; billi għet osservata żieda fir-riskji tal-kanċer anke f'popolazzjonijiet esposti għal livelli ferm baxxi ta' fibri tal-asbestos, inklużi l-fibri krisotili; billi l-asbestos jista' jikkawża disturbi oħra mhux malinni fil-pulmun u fil-plewra, inklużi plakki fil-plewra, tħaxxin fil-plewra, u effużjonijiet fil-plewra mhux perikolużi;

⁷ [https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2016/581397/EPRS_BRI\(2016\)581397_EN.pdf](https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/BRIE/2016/581397/EPRS_BRI(2016)581397_EN.pdf).

⁸ <https://www.who.int/news-room/fact-sheets/detail/asbestos-elimination-of-asbestos-related-diseases>.

⁹ <https://publications.iarc.fr/Book-And-Report-Series/Iarc-Monographs-On-The-Identification-Of-Carcinogenic-Hazards-To-Humans/Arsenic-Metals-Fibres-And-Dusts-2012>.

- E. billi l-asbestos ilu pprojbit fl-Unjoni mill-2005; billi xi Stati Membri ilhom li pprojbew l-asbestos mis-snin 80; billi l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw li l-fibri tal-asbestos jitneħħew kompletament gradwalment mill-aktar fis possibbli; billi n-natura u l-firxa tal-użu tal-asbestos ivarjaw ħafna fost l-Istati Membri;
- F. billi r-Regolament (KE) 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ (EACH) speċifika li l-manifattura, il-bejgħ u l-użu tal-fibri tal-asbestos u l-prodotti li fihom dawn il-fibri miżjuda intenzjonalment huwa pprojbit u billi r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1005¹¹ li jemenda l-Anness XVII tar-REACH għandu l-għan li jiżgura t-tneħħija gradwali kompleta tal-prodotti tal-asbestos fl-Istati Membri sal-1 ta' Lulju 2025;
- G. billi l-asbestos huwa aġent karċinoġeniku perikoluż ħafna użat madwar id-dinja fil-bini u materjali oħra f'ħafna oqsma tal-ħajja tagħna ta' kuljum; billi ħafna gruppi differenti jinsabu f'riskju ta' esponiment għall-asbestos, inklużi l-ħaddiema fis-settur tal-bini u tar-rinnovazzjoni, tal-minjieri, u tal-ġestjoni tal-iskart, il-pumpiera, kif ukoll is-sidien tad-djar u l-inkwilini; billi l-aktar effetti dannużi fuq is-saħħa tal-fibri tal-asbestos li jittieħdu man-nifs u tal-mard relatat mal-asbestos jistgħu jieħdu sa 40 sena biex jidhru; billi l-każijiet fl-Unjoni huma mistennija jilhq u l-ogħla numru bejn wieħed u ieħor fl-2025¹²;
- H. billi minkejja r-regolamenti eżistenti fil-livell tal-Unjoni u nazzjonali, ħafna każijiet ta' mard relatat mal-asbestos spiss wisq ma jiġux rikonoxxuti bħala mard okkupazzjonali u għalhekk il-vittmi ma jkunux eliġibbli għal kumpens relatat max-xogħol, u dan iżid it-tbatija fiżika mill-marda; billi t-trade unions u l-assoċjazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-vittmi għandhom rwol importanti fl-assistenza lill-vittmi ta' mard okkupazzjonali fil-proċeduri ta' rikonoxximent u t-talbiet għal kumpens;
- I. billi l-ġestjoni tal-asbestos fil-bini, inkluż f'bini abbandunati, u t-tneħħija sikura tiegħu jirrikjedu li jitqiesu bis-sħiħ is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali fir-rigward tal-pjan tal-Unjoni li ttejjeb l-iżolament termali tal-ambjent mibni tagħha bil-ħsieb li tiġi ffrankata l-enerġija u li ssir l-ewwel kontinent newtrali għall-klima sal-2050; billi r-rinnovazzjoni tal-bini biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika spiss tinvolvi l-ħidma b'materjali bħal soqfa, ħitan jew konfigurazzjonijiet elettriċi, li jista' jkun fihom l-asbestos meta l-kostruzzjoni tagħhom tkun saret qabel ir-regolamentazzjoni jew il-

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1).

¹¹ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1005 tat-22 ta' Ġunju 2016 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-fibri tal-asbestos (krisotilu) (ĠU L 165, 23.6.2016, p. 4).

¹² Understanding a Man-Made Epidemic: The Relation between Historical Asbestos Consumption and Mesothelioma Mortality in Belgium, Van den Borre, Laura & Deboosere, Patrick, Tijdschrift voor Sociale en Economische Geschiedenis, 2017.

projbizzjonijiet nazzjonali u tal-Unjoni tal-użu tal-asbestos; billi sehem sostanzjali tal-ambjent mibni eżistenti fl-Unjoni għandu aktar minn 50 sena; billi d-deterjorament tal-istokk tal-bini tal-Unjoni jżid ir-riskju ta' esponiment ambjentali li joħloq theddida għal ħafna gruppi differenti tal-popolazzjoni u li jista', b'mod partikolari, iwassal għal aktar każijiet ta' mesoteljoma; billi għe osservat mard relatat mal-asbestos f'popolazzjonijiet li jgħixu qrib siti industrijali; billi l-effetti fuq is-saħħa tal-esponiment ambjentali fil-biċċa l-kbira tagħhom ġew issottovalutati¹³; billi l-livelli ta' esponiment ambjentali għall-asbestos jistgħu jilhqqu livelli ta' esponiment okkupazzjonali; billi hija meħtieġa aktar riċerka dwar ir-riskji relatati mal-asbestos permezz ta' tali mogħdijiet ambjentali.

- J. billi r-rimi tal-iskart tal-asbestos fil-landfill mhuwiex soluzzjoni vijabbli fit-tul minħabba li l-iskart ikollu jiġi ttrattat minn ġenerazzjonijiet futuri, peress li l-fibri tal-asbestos huma virtwalment impossibbli li jinqerdu maż-żmien; billi r-rilaxx ta' fibri tal-asbestos fl-ambjent għandu jiġi evitat; billi hemm il-ħtieġa li jiġu żviluppati metodi kosteffettivi għall-inertizzazzjoni tal-iskart li jkun fih l-asbestos, sabiex il-fibri attivi tal-asbestos jiġu diżattivati u kkonvertiti f'materjali li ma jgħolqux riskji għas-saħħa pubblika;
- K. billi, b'mod aktar wiesa', għandhom jitrawmu r-riċerka u l-innovazzjoni biex itejbu l-iskrinjar tal-asbestos, l-identifikazzjoni ta' kanċers relatati mal-asbestos għajr il-kanċer tal-pulmun u l-mesoteljomi, it-tekniki ta' tneħħija sikuri, il-ġestjoni tal-iskart u s-sikurezza tal-okkupanti tal-bini u tal-ħaddiema esposti, inkluża t-teknoloġija ta' twissija u ta' detezzjoni tal-asbestos f'ħin reali;
- L. billi, skont l-Artikolu 191(1) tat-TFUE, il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi sabiex jinkisbu objettivi, bħall-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini tagħha, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-promozzjoni tal-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali li jindirizzaw il-problemi ambjentali reġjonali jew globali;
- M. billi, skont l-Artikolu 191(2) tat-TFUE, il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju ta' prekawzjoni u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità, tisewwa fras il-għajn u li min iniġġes iħallas;
- N. billi l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi li livell għoli ta' ħarsien tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tiegħu jkunu integrati fil-politiki tal-Unjoni u li għandhom jiġu żgurati f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli;
- O. billi d-dritt għal ambjent sigur, nadif, tajjeb għas-saħħa u sostenibbli qed jiġi rikonoxxut b'mod universali hekk kif l-għadd ta' stati li jirrikonoxxu dan id-dritt kiber matul l-aħħar ftit snin, biex issa hemm aktar minn 155 pajjiż li jirrikonoxxu dak id-dritt, jew elementi ta' dak id-dritt, fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom;
- P. billi skont l-ECHA, l-asbestos huwa karċinoġenu mingħajr valur limitu; billi l-valur ta' limitu ta' esponiment okkupazzjonali (OELV) vinkolanti eżistenti għall-asbestos huwa ta' 0,1 fibri/cm³ bħala medja ponderata fuq ħin ta' 8 sigħat; billi l-Kumitat dwar il-Valutazzjoni tar-Riskji tal-ECHA ħejja opinjoni għal tnaqqis tal-OELV vinkolanti

¹³ Bakan and Nur Dilekb, Current Opinion in Pulmonary Medicine, 2014.

għall-asbestos; billi l-esponiment għandu dejjem jitnaqqas sa fejn ikun teknikament possibbli, speċjalment meta ma jeżisti l-ebda limitu minimu sikur; billi, b'konsegwenza ta' dan, l-OELV għandu jiġi rieżaminat biex jitqiesu l-aktar żviluppi xjentifiċi u tekniċi reċenti, u jiġi rivedut kif xieraq;

- Q. billi 80 % tal-każijiet ta' kanċer okkupazzjonali rikonoxxuti fl-Istati Membri huma relatati mal-asbestos; billi 98 % tal-kostijiet umani, inkluż l-impatt fuq il-kwalità fuq il-ħajja u l-familji tal-ħaddiema, huma mġarrba mill-ħaddiema; billi l-istimi jissuġġerixxu li l-kost tal-kanċer okkupazzjonali fl-Unjoni jammonta għal bejn EUR 270 u EUR 610 biljun fis-sena, jew minn 1.8 % sa 4.1 % tal-PDG¹⁴; billi l-azzjoni biex jissaħħu l-politiki għall-prevenzjoni ta' saħħa ħażina hija kruċjali biex jiġi żgurat li l-ħaddiema u l-familji tagħhom ikunu jistgħu jgħixu ħajja aktar b'saħħithom;
- R. billi l-asbestos intuża ħafna fl-akkomodazzjoni u jippreżenta riskji għas-saħħa; billi d-dritt għall-akkomodazzjoni adegwata, definit fost l-oħrajn bħala l-għoti ta' protezzjoni mit-theddid għas-saħħa, ġie rikonoxxut bħala dritt tal-bniedem u bħala essenzjali biex jiġu indirizzati l-inugwaljanzi fis-saħħa mill-organizzazzjonijiet internazzjonali u mill-Istati Membri; billi t-tneħħija sikura tal-asbestos se tikkontribwixxi biex tiżgura akkomodazzjoni ta' kwalità għal kulħadd, b'mod partikolari għas-sidien b'introjtu baxx u l-inkwilini li l-kundizzjonijiet tal-akkomodazzjoni tagħhom marru għall-aġar f'dawn l-aħħar deċennji;
- S. billi t-tneħħija sikura tal-asbestos ma għandhiex tintuża bħala pretest għal Prattiki bħat-tkeċċija tal-inkwilini fuq il-bażi li d-djar tagħhom iridu jiġu rinnovati;
- T. billi l-introduzzjoni ta' rekwiżiti għat-tneħħija sikura tal-asbestos trid tkun soċjalment ġusta u tkun akkompanjata minn miżuri xierqa li jappoġġjaw lis-sidien tal-bini biex jiffinanzjaw ir-rinnovazzjonijiet meħtieġa, kif ukoll miżuri ta' akkompanjament għall-bini tal-kapaċitajiet għall-intrapriżi żgħar u medji (SMEs) li jwettqu x-xogħlijiet; billi, fl-istess ħin, il-fondi tal-Unjoni fl-ambitu tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa, stabbiliti fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020, għandhom jiġu ssalvagwardjati għall-benefiċjarji li jikkonformaw mar-regoli tal-Unjoni u nazzjonali li għandhom l-għan li jipproteġu lill-ħaddiema mill-esponiment għall-asbestos;
- U. billi l-asbestos għadu preżenti f'ħafna binjiet amministrattivi, skejjel, djar, infrastrutturi u faċilitajiet tat-trasport pubbliku u f'networks tal-provvista tal-ilma; billi l-għarfien dwar l-użu u l-preżenza ta' dik is-sustanza qed jonqos maż-żmien; billi l-preżenza tal-asbestos u n-nuqqas ta' tagħrif dwar dan jirrappreżentaw periklu għall-okkupanti u l-utenti kollha tal-bini;
- V. billi r-riżoluzzjoni tal-Parlament tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar Ewropa Soċjali b'Saħħitha għal Tranżizzjonijiet Ġusti¹⁵ stiednet lill-Istati Membri jeliminaw l-imwiet relatati max-xogħol u jnaqqsu l-mard relatat max-xogħol sal-2030, u stiednet lill-Kummissjoni biex tirrevedi d-Direttiva 2004/37/KE;
- W. billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2021 bit-titolu "Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer" tiddikjara li 52 % tal-imwiet okkupazzjonali annwali fl-Unjoni jistgħu jiġu attribwiti għal kanċers relatati max-xogħol; billi t-titjib fid-dijanjożi

¹⁴ <https://www.etui.org/sites/default/files/Web-executive%20summary-cancer-final.pdf>

¹⁵ Testi adottati, P9_TA(2020)0371.

bikrija, it-trattament u r-riabilitazzjoni huma prijoritajiet tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-pazjenti li jbatu minn mard relatat mal-asbestos; billi l-Kummissjoni tipprevedi li fl-2022 tippreżenta proposta leġiżlattiva biex tkompli tnaqqas l-esponiment tal-ħaddiema għall-asbestos bħala parti mill-pjan tagħha;

- X. billi l-Pilastru ġie adottat bħala reazzjoni għall-isfidi soċjali fl-Unjoni; billi l-Pilastru fih 20 prinċipju li huma maqsuma fi tliet kategoriji: opportunitajiet u aċċess indaqs għas-suq tax-xogħol, kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti, u l-protezzjoni u l-inklużjoni soċjali; billi l-prinċipju 10 jipprevedi livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, li għandu jinkludi l-protezzjoni tal-ħaddiema mill-esponiment għall-karċinoġeni u l-mutaġeni fuq il-post tax-xogħol;
- Y. billi l-kriżi enfasizzat l-importanza tal-prevenzjoni tal-mard relatat max-xogħol u l-investiment fis-saħħa pubblika affordabbli għal kulħadd; billi l-ispettorati tax-xogħol, it-trade unions u r-rappreżentanti tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol għandhom rwol ewlieni fl-ispezzjoni u fl-infurzar effettiv tar-regoli u tar-regolamenti relatati mal-asbestos; billi pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi huma kruċjali biex jiskoraġġixxu lill-impjegaturi milli jiksru r-regolamenti dwar is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u jiżguraw kompetizzjoni ġusta fis-suq intern;
- Z. billi l-ambjent mibni għandu impatt sinifikanti fuq ħafna setturi tal-ekonomija, l-impjiegi lokali u l-kwalità tal-ħajja; billi l-istrateġija l-ġdida dwar l-ambjent mibni sostenibbli mill-Kummissjoni għandha l-għan, fost l-oħrajn, li tippromwovi l-prinċipji taċ-ċirkolarità matul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-bini; billi l-Pjan ta' Azzjoni l-ġdid tal-Kummissjoni għal Ekonomija Ċirkolari tal-11 ta' Marzu 2020 jinvolvi inizjattivi ffukati biex jindirizzaw il-ktajjen tal-valur tal-prodotti ewlenin bħall-kostruzzjoni u l-bini; billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-1 ta' Lulju 2020 bit-titolu "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza" (COM(2020)0274) tirrikonoxxi li s-settur tal-kostruzzjoni se jkollu bżonn jinvesti fit-titjib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol biex jaqdi l-ħtiġijiet tat-tranżizzjoni ekoloġika, fir-rigward tad-disinn u l-materjali ekoloġiċi, l-effiċjenza enerġetika, iċ-ċirkolarità u r-rinnovazzjoni; billi d-disponibbiltà ta' ħaddiema tal-kostruzzjoni tas-sengħa hija essenzjali għas-suċċess tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni;
- AA. billi l-asbestos u l-materjali u l-prodotti li fihom l-asbestos xorta jistgħu jiġu prodotti, ipproċessati, importati u esportati legalment f'aktar minn 100 pajjiż madwar id-dinja, inklużi pajjiżi fir-reġjuni tal-viċinat tal-Unjoni; billi r-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁶ jistabbilixxi l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam dwar il-Proċedura ta' Kunsens Infurmat minn Qabel għal Ċerti Kimiċi u Pestiċidi fil-Kummerċ Internazzjonali kif riveduta fl-2019 (il-Konvenzjoni ta' Rotterdam), li bih pajjiż jeħtieġ li jaqbel speċifikament qabel ma ssir l-esportazzjoni ta' prodott li fih sustanzi kimiċi tossiċi; billi t-tiżiħ tal-isforzi biex il-prodotti mhux konformi jinżammu milli jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni ġie identifikat bħala prijorità fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2015 bit-titolu "Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji" (COM(2015)0550); billi,

¹⁶ Ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi (riformulazzjoni) (ĠU L 201, 27.7.2012, p. 60).

minkejja l-projbizzjonijiet tal-Unjoni u nazzjonali u r-regolamentazzjoni eżistenti, l-asbestos għadu jidħol fis-suq intern¹⁷; billi sakemm l-asbestos jiġi prodott u kkummerċjalizzat legalment globalment, dejjem hemm riskju li dan jidħol fis-suq intern;

- AB. billi huwa importanti li jinżammu reġistri robusti ta' persuni b'esponiment fil-passat jew attwali għall-asbestos biex tiġi żgurata s-sorveljanza medika u biex jiġi ffaċilitat ir-rikonnoxximent ta' mard okkupazzjonali, filwaqt li jkun hemm konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁸; billi l-Istati Membri għandhom modi differenti kif jorganizzaw l-iskemi nazzjonali ta' assigurazzjoni soċjali fir-rigward ta' korriment jew mard relatat max-xogħol, inkluż ir-rwol komplementari tal-ftehimiet kollettivi; billi l-prinċipji li fuqhom huma bbażati skemi bħal dawn u l-awtonomija tas-sħab soċjali jeħtieġ li jiġu rispettati;
- AC. billi l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Frar 2015 dwar It-tneħħija għalkollox tal-asbestos mill-UE tiddikjara li għandu jiġi żgurat li fil-livell tal-Istati Membri, il-każijiet kollha ta' asbestożi, mesoteljoma u mard ieħor relatat mal-asbestos jiġu rreġistrati permezz ta' għbir sistematiku ta' data dwar mard okkupazzjonali u mhux okkupazzjonali marbut mal-asbestos, li l-plakek plewrali jiġu kategorizzati u uffiċjalment rreġistrati bħala mard relatat mal-asbestos, u li bl-għajjnuna ta' osservatorji ddedikati, jiġi żgurat immappjar affidabbli tal-preżenza tal-asbestos, u li l-persunal mediku għandu jirċievi taħriġ adatt sabiex ikun jista' jaqdi dmirijietu u jagħmel dijanjożi tajba;
- AD. billi l-leġislazzjoni fis-seħħ f'xi Stati Membri tpoġġi biss ċerti obbligi fuq is-sidien, l-amministraturi jew il-maniġers ta' bini li fih l-asbestos meta jibdedw jużaw il-bini jew meta jkun beħsiebhom jibdedw id-demolizzjoni tiegħu, u mhux meta jbigħu bini mgħammar bi prodotti li fihom l-asbestos;

Strateġija Ewropea għat-Tneħħija tal-Asbestos Kollu (ESRAA)

1. Jirrimarka li t-tneħħija sikura tal-asbestos hija eżempju tal-ħtieġa li jiġi applikat il-prinċipju tas-saħħa fil-politiki kollha msemmija fl-Artikolu 168(1) tat-TFUE, peress li hija marbuta direttament mal-inizjattivi segwenti ta' politika reċenti u futuri tal-Unjoni: il-qafas il-ġdid tal-Unjoni għas-saħħa u s-sikurezza, il-Patt Ekoloġiku flimkien mal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, in-Next Generation EU u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali, il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, l-istrateġija tal-UE dwar l-iskart u l-pakkett dwar l-ekonomija ċirkolari; jenfasizza li t-trattament tal-iskart tal-asbestos għandu japplika bis-sħiħ il-prinċipju ta' prekawzjoni; jistieden lill-Kummissjoni tipproponi revizzjoni korrispondenti tal-leġislazzjoni rilevanti tal-Unjoni dwar l-iskart;
2. Jissottolinja li t-tneħħija sikura tal-asbestos hija kompitu diffiċli u urġenti u jtenni t-

¹⁷ http://www.ibasecretariat.org/alpha_ban_list.php;
<https://wits.worldbank.org/trade/comtrade/en/country/ALL/year/2019/tradeflow/Imports/partner/WLD/product/252400>

¹⁸ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1).

talba tiegħu biex ikun hemm approċċ komprensiv u integrat li jgħaqqad diversi oqsma ta' politika; jirrimarka li l-kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri għandhom ikunu l-prijorità ewlenija;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta Strateġija Ewropea għat-Tneħħija tal-Asbestos Kollu (ESRAA), li tkun tinkludi l-elementi li ġejjin:
 - (a) qafas Ewropew għall-istrateġiji nazzjonali għat-tneħħija sikura tal-asbestos kollu fl-Istati Membri. Dan il-qafas għandu jinkludi proposta leġiżlattiva biex jiġu introdotti standards minimi għar-reġistri nazzjonali tal-asbestos aċċessibbli għall-pubbliku;
 - (b) proposta biex tiġi aġġornata d-Direttiva 2009/148/KE bil-għan li jissaħħu l-miżuri tal-Unjoni għall-protezzjoni tal-ħaddiema mit-theddida tal-asbestos u biex tiġi evitata mewġa ġdida ta' vittmi tal-asbestos matul il-bini tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Unjoni;
 - (c) proposta leġiżlattiva:
 - (i) għar-rikonoxximent tal-mard okkupazzjonali, inkluż il-mard kollu magħruf relatat mal-asbestos, bi standards minimi għall-proċeduri ta' rikonoxximent, u
 - (ii) għal standards minimi għall-kumpens tal-vittmi ta' mard okkupazzjonali relatat mal-asbestos;
 - (d) Proposta għall-aġġornament tad-Direttiva 2010/31/UE bil-ħsieb li jiġi introdott rekwiżit għall-iskrinjar obligatorju u t-tneħħija sussegwenti tal-asbestos u ta' sustanzi perikolużi oħra qabel ma jkunu jistgħu jinbdew ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni, sabiex tiġi protetta s-saħħa tal-ħaddiema tal-kostruzzjoni;
 - (e) Proposta leġiżlattiva għall-iskrinjar obligatorju tal-bini qabel il-bejgħ jew il-kiri u għall-istabbiliment ta' ċertifikati tal-asbestos għall-bini mibni qabel l-2005 jew qabel is-sena ta' projbizzjoni nazzjonali tal-asbestos ekwivalenti, skont liema tkun l-aktar bikrija;
4. Jinnota li l-istrateġiji komprensivi ta' tneħħija jinvolvu konsegwenzi finanzjarji u amministrattivi għas-sidien tal-bini, għall-awtoritajiet pubbliċi u għan-negozji, b'mod partikolari għall-SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi, kif ukoll ammont ta' xogħol sinifikanti għall-korpi ta' ċertifikazzjoni; jisħaq, għalhekk, li għandhom jiġu pprovduti perjodi ta' tranżizzjoni xierqa u appoġġ regolatorju u finanzjarju adegwat;
5. Jissottolinja l-ħtieġa li jiġu mobilizzati l-mekkaniżmi ta' finanzjament eżistenti disponibbli fil-livell tal-Unjoni u tal-Istati Membri, u jenfasizza l-fatt li l-Kummissjoni diġà għamlitha ċara li l-Istati Membri jistgħu jallokaw il-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej (ESI) għall-immaniġġjar u t-tneħħija tal-asbestos¹⁹; jappella, f'dan ir-rigward, għall-mobilizzazzjoni tal-fondi tal-ESI biex jittejjbu l-affidabbiltà u l-veloċità tal-iskrinjar tal-asbestos u l-kejl, it-tneħħija, u l-ġestjoni sikura tal-iskart f'konformità mal-oġġettivi tal-programmi nazzjonali jew reġjonali rilevanti; jisħaq li l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp, b'mod partikolari fir-rigward tal-iżvilupp u t-titjib tar-rotta ta'

¹⁹ https://www.europarl.europa.eu/doceo/document/E-8-2018-000862-ASW_EN.html

aċċess għas-suq għat-teknoloġija tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, inklużi sistemi ta' kejl u ta' twissija f'ħin reali għall-asbestos, kif ukoll metodi u teknoloġiji kosteffettivi ta' inertizzazzjoni tal-asbestos huwa kruċjali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jużaw l-għodod kollha biex jappoġġjaw l-investimenti f'teknoloġiji ta' trattament sostenibbli, inkluż permezz ta' Proġetti Importanti ta' Interess Ewropew Komuni ddedikati;

6. Jisħaq li l-fondi tal-Unjoni fl-ambitu tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni għandhom jiġu ssalvagwardjati għall-benefiċjarji li jikkonformaw mar-regolamenti tal-Unjoni u nazzjonali li għandhom l-għan li jiproteġu lill-ħaddiema mill-asbestos; jappella għal sistema biex jiġi żgurat li l-fondi tal-Unjoni jiġu rkuprati mingħand il-benefiċjarji li jinstab li ma jikkonformawx mar-regoli tal-komunità jew nazzjonali dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos;
7. Jappella għat-tisħiħ tal-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol (EU-OSHA), sabiex jiġu pprovduti għodod effettivi bħal appoġġ tekniku u xjentifiku għat-titjib tal-isforzi ta' prevenzjoni, tiġi mmonitorjata aħjar ir-reġistrazzjoni tal-postijiet tax-xogħol li fihom l-asbestos u t-traċċar ta' ħaddiema li kienu jew setgħu kienu f'kuntatt miegħu, u jittejjbu t-taħriġ u t-tagħmir protettiv ipprovdut lill-ħaddiema; jappella għall-istabbiliment ta' pjattaforma Ewropea, fi ħdan il-mandat tal-EU-OSHA, biex turi Prattiki tajbin dwar it-tneħħija tal-asbestos u r-rimi sikur tal-asbestos, li diġà ġew implimentati f'diversi Stati Membri, u ttipprevedi l-iskambju ta' Prattiki tajbin bħal dawn;
8. Jirrimarka li l-ispettorati tax-xogħol għandhom rwol vitali x'jaqdu fil-prevenzjoni u l-monitoraġġ tal-esponiment għall-asbestos u jgħinu wkoll fit-titjib tal-għarfien espert u l-għoti ta' informazzjoni fil-livell tal-kumpaniji; jistieden lill-Istati Membri jtejjbu l-għadd ta' spetturi tax-xogħol, il-kwalità tal-ispettorati tax-xogħol u l-ispezzjonijiet kif ukoll il-frekwenza tal-ispezzjonijiet; huwa tal-opinjoni li l-Istati Membri għandhom imorru lil hinn sew mir-rakkomandazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol li jipprevedu minimu ta' spettur wieħed għal kull 10 000 ħaddiem; iħeġġeġ lill-Istati Membri jimponu pieni effettivi, proporzjonati u dissważivi fuq ditti li jonqsu milli jikkonformaw mal-obbligi tagħhom, b'mod partikolari, rigward is-sikurezza u s-saħħa okkupazzjonali;
9. Iqis il-ħtieġa urġenti ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja u rimedju għall-ħsara kollha għas-saħħa, mhux biss dik relatata mal-ansjetà, għall-vittmi kollha tal-asbestos; jissottolinja li l-ispejjeż mediċi kollha relatati mal-esponiment għall-asbestos għandhom jiġu koperti mill-impjegaturi; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa possibbli ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi reġim ta' responsabbiltà ġenerali għal tniġġis imxerred biex tipprovdri kumpens lill-vittmi għad-danni kollha mit-tniġġis imxerred, inklużi dawk ikkawżati mill-asbestos;

Direttiva qafas Ewropea għall-istrateġiji nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos

10. Jilqa' l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 bit-titolu "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja", li tfittex li sal-2030 tirrinova 35 miljun binja; jaqbel mal-fehma espressa fil-komunikazzjoni li għandha tingħata attenzjoni partikolari lill-protezzjoni tal-ħaddiema li jirrinovaw bini antik u li jintervjenu f'operazzjonijiet ta'

emerġenza mill-esponiment għall-asbestos;

11. Jisħaq li miżuri preventivi aħjar u ġestjoni tar-riskji relatati mal-asbestos jirrikjedu aċċess għal informazzjoni rilevanti adattata għall-ħtiġijiet ta' dawk direttament ikkonċernati;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja t-tixrid ta' informazzjoni dwar id-diversi sistemi għat-tneħħija jew ir-rimi b'mod sikur u kif xieraq tal-prodotti tal-asbestos abbażi tal-aħjar tekniki disponibbli;
13. Jissottolinja li r-riskji li jirriżultaw minn popolazzjonijiet esposti għal materjali tal-asbestos li jseħħu b'mod naturali huwa wkoll qasam fejn hemm bżonn ta' informazzjoni;
14. Jinsisti li kwalunkwe inizjattiva tal-Unjoni li tappoġġja r-rinnovazzjoni tal-enerġija għandha tkun soċjalment ġusta u tinkludi miżuri għall-protezzjoni tas-saħħa tal-okkupanti u tal-ħaddiema, inkluż permezz tal-identifikazzjoni ta' bini li fih l-asbestos, sabiex tkun permessa t-tneħħija sikura tal-asbestos u ta' materjali perikolużi oħra;
15. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-aċċess għal akkomodazzjoni deċenti, affordabbli u tajba għas-saħħa jkun wieħed mill-pedamenti tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Pilastru;
16. Jilqa' l-fatt li diversi Stati Membri u reġjuni bħalissa qed isegwu pjanijiet ambizzjużi biex ineħħu l-asbestos mill-ambjent mibni b'kalendarji ċari, inklużi n-Netherlands, il-Polonja u Flanders;
17. Itenni l-istedina tiegħu lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi qafas legali għal valutazzjoni, f'konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, inklużi s-sħab soċjali, tal-asbestos kollu eżistenti fil-bini u fl-infrastruttura fl-Istati Membri, u biex tagħmel stima tal-ispejjeż involuti fit-tneħħija sikura tiegħu f'kull Stat Membru;
18. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal direttiva qafas għall-Istati Membri biex jistabbilixxu pjanijiet nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos li jinkludu kalendarji ċari u realistiċi, inklużi prijoritajiet u miri interim, is-sejbien u r-reġistrazzjoni tal-asbestos, il-finanzjament u l-appoġġ lis-sidien tad-djar u l-SMEs, miżuri ta' protezzjoni għall-ħaddiema kontra r-riskju ta' esponiment għall-asbestos f'konformità mad-Direttiva 2009/148/KE, kif ukoll ir-rimi sikur tal-asbestos sabiex jiġi evitat li l-asbestos jidħol fil-proċessi ta' riċiklaġġ;
19. Jinsisti fuq il-ħtieġa li titwettaq sorveljanza epidemjoloġika fit-tul biex tiġi vvalutata l-effikaċja tal-miżuri meħuda; jenfasisza li l-mesoteljoma hija marda li l-fattur ta' riskju ewlieni tagħha huwa l-asbestos u li l-għadd ta' mesoteljomi dijanjostikati huwa indikatur rilevanti għas-sorveljanza epidemjoloġika; jappella għalhekk biex ir-rappurtar tal-mesoteljoma lill-awtoritajiet kompetenti jsir obbligatorju;
20. Jirrimarka li skont studji reċenti, l-esponiment mhux okkupazzjonali għall-asbestos jista' jkun ir-raġuni għal madwar 20 % tal-mesoteljomi f'pajjiżi industrijalizzati²⁰;

²⁰ [The health impact of nonoccupational exposure to asbestos: what do we know?](#) (L-impatt fuq is-saħħa tal-esponiment mhux okkupazzjonali għall-asbestos: x'nafu?) ([nih.gov](#))

21. Ifakkar fiż-żieda antiċipata fix-xogħol ta' kostruzzjoni fid-dawl tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni li se tkun akkumpanjata minn esponiment okkupazzjonali u ambjentali akbar għall-fibri tal-asbestos; jenfasizza l-ħtieġa li l-asbestos jiġi sostitwit b'materjali effiċjenti fl-użu tal-enerġija fil-kuntest tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni;
22. Itenni t-talba tiegħu li jiġu stabbiliti reġistri pubbliċi nazzjonali tal-asbestos; jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi, bħala parti minn proposta għal direttiva qafas, standards minimi għal reġistri nazzjonali diġitali aċċessibbli għall-pubbliku għall-asbestos u għal sustanzi perikolużi oħra f'bini pubbliku u ta' sjieda privata; jisħaq li r-reġistri għall-asbestos għandhom ikunu kompatibbli ma' bażijiet ta' data u reġistri bħal dawk relatati mal-effiċjenza enerġetika u jmtlew permezz ta' għodod komuni (jiġifieri passaporti ta' rinnovazzjoni tal-bini), f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679;
23. Jistieden lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent twettaq aktar riċerka dwar il-preżenza tal-asbestos fix-xmajjar u fit-tributarji ta' madwarhom, u l-effetti tiegħu fuq il-veġetazzjoni u l-organiżmi selvaġġi, bħal dik imwettqa mill-Aġenzija għall-Farsien tal-Ambjent tal-Istati Uniti²¹;
24. Jisħaq li l-livelli ta' konċentrazzjoni fl-isfond tal-asbestos fl-atmosfera għandhom jiġu mmonitorjati u mkejla madwar l-Istati Membri, li għandu jkun disponibbli l-aċċess għall-informazzjoni u li għandhom jiġu introdotti valuri ta' limitu tal-esponiment għall-ispazji ta' għajxien;
25. Ifakkar li studju mwettaq minn xjenzati Taljani qajjem il-kwistjoni importanti ta' jekk l-inġestjoni tal-ilma li fih il-fibri tal-asbestos iżżidx ir-riskju ta' kanċers gastrici u koloretali²²; jisħaq li mard potenzjali relatat mal-asbestos possibbilment ikkawżat mill-inġestjoni ta' ilma li jkun fih fibri bħal dawn li joriġinaw minn pajpijiet tal-asbestos jista' jieħu diversi deċennji biex isir evidenti; jisħaq li, anke jekk dan l-istudju Taljan waħdu ma jistax jagħmilha possibbli li jiġi konkluż b'mod definittiv f'dan l-istadju jekk hemmx rabta bejn l-inġestjoni ta' asbestos permezz tal-ilma u l-iżvilupp ta' kanċers fil-passaġġ gastrointestinali, il-prinċipju ta' prekawzjoni għandu japplika minħabba l-inċertezzi involuti; iqis li għandha titwettaq aktar riċerka dwar din il-kwistjoni importanti; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, biex iwettqu monitoraġġ regolari tal-kwalità tal-ilma użat għall-astrazzjoni tal-ilma tax-xorb u jieħdu l-miżuri preventivi u ta' mitigazzjoni meħtieġa f'każ li jkun hemm riskju għas-saħħa tal-bniedem;
26. Jinsab imħasseb dwar l-istat tan-network tad-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb fl-Unjoni u l-preżenza ta' pajpijiet tas-siment bl-asbestos, li d-deterjorament tagħhom jerħi fibri tal-asbestos fl-ilma; ifakkar ukoll li, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tad-WHO, il-pajpijiet tas-siment bl-asbestos ma għandhomx jibqgħu jintużaw jew jiġu approvati għall-ilma tax-xorb²³; iqis li, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea għat-tneħħija kompleta tal-asbestos, u permezz tal-Pjan Ewropew ta' Rkupru u dawk tal-Istati Membri, għandu jiġi stabbilit u implimentat pjan komprensiv għar-rinnovazzjoni u t-tneħħija tal-asbestos

²¹ Washington State Department of Health (2009), Advisory for Swift Creek Naturally Occurring Asbestos (Konsulenza għal Asbestos li Jinsab fin-Natura fi Swift Creek). United States Environmental Protection Agency, Swift Creek (https://response.epa.gov/site/site_profile.aspx?site_id=3639)

²² Agostino Di Ciaula, Valerio Gennaro. Rischio clinico da ingestione di fibre di amianto in acqua potabile. Epidemiologia&Prevenzione, <https://epiprev.it/3608>

²³ https://ec.europa.eu/environment/water/water-drink/pdf/20171215_EC_project_report_final_corrected.pdf - punt 13.1

għan-network Ewropew għad-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb;

Aġġornament tad-Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-esponiment għall-asbestos fuq ix-xogħol

27. Ifakkar li l-asbestos għadu waħda mill-aktar sfidi sinifikanti għas-saħħa okkupazzjonali u li 125 miljun persuna madwar id-dinja ġew esposti għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol²⁴, minkejja r-riskji tiegħu għas-saħħa li ilhom magħrufa għal għexieren ta' snin;
28. Jirrimarka li madwar 250 000 persuna jmutu kull sena madwar id-dinja minħabba l-esponiment għall-asbestos²⁵; jirrimarka li, f'dawn l-aħħar snin, ir-rata ta' mwiet mill-fibri tal-asbestos saħansitra aċċellerat;
29. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna d-Direttiva 2009/148/KE, filwaqt li tqis l-aktar għarfien xjentifiku u żviluppi tekniċi reċenti, inkluża evalwazzjoni ta' tipi differenti ta' fibri tal-asbestos u l-effetti negattivi tagħhom fuq is-saħħa, kif ukoll biex tibda l-proċess ta' konsultazzjoni għall-aġġornament tal-lista ta' silikati fibrużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u, f'dan il-kuntest, biex tivvaluta l-inklużjoni tar-riebeckite, il-winchite, ir-richterite, il-fluoro-edenite, u l-erionite fil-lista li diġà tkopri l-actinolite, l-anthophyllite, it-tremolite, il-grunerite;
30. Jenfasizza li d-Direttiva 2009/148/KE tapplika għall-attivitajiet kollha fejn il-ħaddiema huma esposti jew jistgħu jiġu esposti għal trab li joħroġ mill-asbestos jew minn materjali li fihom l-asbestos waqt xogħolhom; jappella għal dispożizzjonijiet aktar b'saħħithom li jiżguraw il-protezzjoni tal-ħaddiema kollha fis-siti ta' tneħħija tal-asbestos, inklużi l-ħaddiema li jidħlu f'sit tax-xogħol wara t-tneħħija; jappella għal enfasi akbar fuq il-ħtieġa li jiġu inklużi l-professjonijiet kollha f'riskju, inklużi l-ħaddiema tar-rinnovazzjoni u d-demolizzjoni, il-maniġers tal-iskart, il-minaturi u l-ħaddiema tat-tifi tan-nar, fl-implimentazzjoni nazzjonali ta' dik id-Direttiva;
31. Huwa mħasseb dwar il-fatt li skont l-aħħar riċerka u rakkomandazzjonijiet mediċi xjentifiċi, ma hemm l-ebda limitu li taħtu l-konċentrazzjoni fl-arja tal-fibra tal-asbestos ma tkunx ta' ħsara²⁶; jemmen f'dan ir-rigward li l-ebda eżenzjoni mill-miżuri ta' protezzjoni tad-Direttiva 2009/148/KE ma tista' tiġi ġġustifikata b'referenza għall-OELV; jappella biex id-Direttiva 2009/148/KE tirrifletti bis-sħiħ il-prinċipju li għandhom dejjem jittieħdu miżuri protettivi personali xierqa waqt attivitajiet li fihom il-ħaddiema huma jew jistgħu jkunu esposti għal trab li joriġina mill-asbestos jew minn materjali li fihom l-asbestos matul xogħolhom; iqis li n-natura perikoluża ta' materjali li fihom asbestos mhux frijabbli għandha titqies meta jiġu vvalutati r-riskji; jappella għal valutazzjoni tar-riskju individwali relatata mal-proċess ta' ħidma ppjanata biex jiġu ddeterminati l-miżuri protettivi meħtieġa;
32. Jinsisti li t-tneħħija u r-rimi b'mod sikur ta' partijiet u materjali li jkun fihom l-asbestos huwa prijorità, minħabba li t-tiswija, il-manutenzjoni, l-inkapsulament jew l-issiġillar

²⁴ WHO, Asbestos: elimination of asbestos-related diseases (Asbestos: l-eliminazzjoni ta' mard relatat mal-asbestos), 2018.

²⁵ Furuya, Sugio; Chimed-Ochir, Odgerel; Takahashi, Ken; David, Annette; Takala, Jukka. 2018. "Global Asbestos Disaster" (Id-diżastru globali tal-asbestos) *Int. J. Environ. Res. Public Health* 15, Nru. 5: 1000. <https://doi.org/10.3390/ijerph15051000>

²⁶ Ir-rapport xjentifiku tal-ECHA għall-evalwazzjoni tal-valuri limitu għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol, l-1 ta' Frar 2021.

- iwasslu biss għall-posponiment tat-tneħħija, li jipperpetwa r-riskji għall-abitanti u għall-ħaddiema snin wara; jappella għall-projbizzjoni tal-inkapsulament u l-issiġillar ta' materjali li fihom l-asbestos li jistgħu jitneħħew b'mod tekniku; jinsisti li din il-projbizzjoni għandha tevita li tpoġġi lill-unitajiet domestiċi l-aktar fqar f'sitwazzjoni fejn ma jkollhomx il-mezzi finanzjarji għar-rinnovazzjoni meħtieġa; jisħaq, għalhekk, fuq il-ħtieġa ta' miżuri ta' akkumpanjament xierqa; jinsisti fuq l-importanza tal-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni u l-monitoraġġ regolari tal-partijiet li fihom l-asbestos li ma jistgħux jitneħħew fi żmien qasir (bħall-ħitan tal-konkrit fil-bini);
33. Ihegġegħ il-ħolqien ta' sinerġiji mal-bażi ta' data li qed tiġi stabbilita mill-ECHA biex tiġbor informazzjoni u ttejjeb l-għarfien dwar sustanzi ta' tħassib fil-prodotti u fil-prodotti meta jsiru skart;
 34. Ifakkar fil-prinċipju legali fundamentali tas-saħħa u tas-sikurezza okkupazzjonali li t-teknoloġija mill-aktar avvanzata trid dejjem tiġi applikata biex jinkiseb l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni; jappella għat-tisħiħ tar-rekwiżiti minimi tekniċi biex titbaxxa l-konċentrazzjoni tal-fibri tal-asbestos fl-arja għall-anqas livell li huwa teknikament possibbli, inkluż permezz tas-soppressjoni tat-trab u l-għbid tat-trab mis-sors, is-sedimentazzjoni kontinwa, u l-mezzi ta' dekontaminazzjoni; jappella għal rekwiżiti minimi għad-differenza fil-pressure bejn il-kompartimenti tal-asbestos u l-madwar, il-provvista ta' arja friska u l-filtri HEPA;
 35. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' rekwiżiti minimi tekniċi aġġornati li jinkludu dispożizzjonijiet biex inlaħħqu mal-iżviluppi teknoloġiċi; jisħaq li l-użu obligatorju ta' robots u ta' teknoloġiji avvanzati oħra għandu jiġi esplorat aktar, inkluż permezz ta' riċerka u skambju aktar sistematiku tal-aħjar Prattiki bejn l-Istati Membri biex jiġu żviluppati kontinwament standards ġodda għall-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema; jinnota li l-mikroskopija ottika mhijiex l-aktar teknoloġija disponibbli reċenti biex jingħaddu l-fibri tal-asbestos fl-arja li nistgħu nieħdu nifs minnha u li l-Mikroskopija Elettronika bi Trażmissjoni Analitika (ATEM) hija aktar sensittiva u tagħmilha possibbli li wieħed jiddistingwi u jgħodd il-fibri tal-asbestos; jappella għall-użu, fejn possibbli, tal-ATEM jew metodi simili avvanzati biex jingħaddu l-fibri;
 36. Ifakkar li l-kampjunar irid ikun rappreżentattiv tal-esponiment personali tal-ħaddiem, li jfisser li l-kampjuni jridu jittieħdu f'sitwazzjonijiet rappreżentattivi u realistiċi tal-esponiment tal-ħaddiema għat-trab tal-asbestos billi ripetutament jitkejlu f'intervalli regolari matul il-fażijiet operattivi speċifiċi; jemmen li jekk il-kampjunar ma jstax ikun rappreżentattiv tal-esponiment personali tal-ħaddiem, għandhom jiġu applikati l-miżuri protettivi xierqa kollha;
 37. Iqis li l-informazzjoni fin-notifika għandha tinkludi l-elementi kollha miżjuda fl-Anness II ta' din ir-riżoluzzjoni bħal, pereżempju, iż-żoni li fihom se jitwettaq ix-xogħol, it-tagħmir użat għall-protezzjoni u d-dekontaminazzjoni tal-ħaddiema, u pjan għar-rimi tal-iskart; jemmen li l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jaħżnu l-informazzjoni għal mill-anqas 40 sena;
 38. Jinsisti fuq il-ħtieġa li jiġi pprovvdut appoġġ amministrattiv suffiċjenti u ffukat lill-impjegaturi fit-traspożizzjoni ta' miżuri protettivi u rekwiżiti ta' notifika, b'mod partikolari l-SMEs, inklużi l-mikrointrapriżi, sabiex jevitaw in-nuqqas ta' konformità; jenfasizza li l-provvista ta' proċessi standardizzati għall-operazzjonijiet fuq il-materjali

tal-asbestos tgħin biex jitnaqqsu l-livelli tat-trab tal-fibri tal-asbestos u l-kostijiet ta' dawn l-operazzjonijiet u jiġi ffaċilitat it-twettiq tar-rekwiżiti ta' notifika;

39. Jinnota li l-istandard minimu attwali tal-Unjoni għall-OELV tal-asbestos huwa ta' 100 000 fibra għal kull m³ (0,1 fibri/cm³) u li l-biċċa l-kbira tal-Istati Membri japplikaw l-istandard minimu attwali; jenfasizza li xi Stati Membri japplikaw OELVs ħafna aktar baxxi biex jipproteġu s-saħħa tal-ħaddiema, pereżempju OELV ta' 2 000 fibra/m³ (0,002) fin-Netherlands;
40. Jissottolinja li riċerkaturi mediċi ewlenin mill-Kummissjoni Internazzjonali tas-Saħħa Okkupazzjonali (ICOH) kkonkludew li l-limiti ta' esponiment ma jipproteġux kif xieraq kontra l-kanċer u jipproponu valur ta' limitu okkupazzjonali ta' 1 000 fibra/m³ (0,001 fibri/cm³); jilqa' l-impenn tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta legali biex tnaqqas aktar l-esponiment tal-ħaddiema għall-asbestos fl-2022 u jistieden lill-Kummissjoni, bħala prijorità, biex taġġorna dawk il-limiti ta' esponiment, li għandhom jiġu stabbiliti għal 0,001 fibri/cm³ (1 000 fibri/m³), filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet minn partijiet ikkonċernati differenti u wara li tikkonsulta mal-Kumitat Konsultattiv għas-Sikurezza u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' perjodu ta' tranżizzjoni adegwat biex jiġu implimentati l-metodoloġija l-ġdida u l-valuri ta' esponiment il-ġodda;
41. Jenfasizza li mhux biss l-impjegaturi iżda anke s-sidien, il-kuntratturi ewlenin, u l-awtoritajiet kontraenti u s-sidien li jikkummissjonaw ix-xogħol għandu jkollhom l-obbligu li jwettqu dijanjożi tal-asbestos qabel il-bidu ta' kwalunkwe xogħol fil-bini, fil-vapuri, fl-inġenji tal-ajru, fuq it-tagħmir jew fil-prodotti; jitlob li qabel il-bidu tax-xogħol fil-bini li nbena qabel l-2005 jew qabel is-sena ta' projbizzjoni nazzjonali tal-asbestos ekwivalenti, tkun liema tkun l-ewwel, jitwettaq skrinjar komprensiv għall-preżenza ta' materjali li fihom l-asbestos minn operatur kwalifikat u ċertifikat; jemmen li l-iskrinjar għandu dejjem jinkludi dijanjożi adattata għall-post tax-xogħol speċifiku u rapport għandu jiddikjara l-assenza jew il-preżenza tal-asbestos, u t-tip ta' fibra tiegħu jekk preżenti, b'deskrizzjoni dettaljata tan-natura tal-kontaminazzjoni u l-post preċiż u l-kwantitajiet stmati tiegħu; jemmen li, minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/148/KE, l-Anness ta' dik id-Direttiva għandu jinkludi rekwiżiti għal durata minima ta' taħriġ ivvalidat minn eżami fir-rigward tat-tip ta' xogħol rispettiv; jissottolinja f'dan il-kuntest il-ħtieġa ta' metodoloġija koerenti għall-valutazzjoni tar-riskju biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi tal-Unjoni u tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq intern;
42. Huwa mħasseb dwar il-fatt li r-rekwiżiti tat-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tat-taħriġ imwettaq għadhom ivarjaw ħafna fost l-Istati Membri, u dan huwa periklu serju għas-saħħa u s-sikurezza fil-kuntest tal-mobilità transfruntiera tal-ħaddiema; jappella għal anness ġdid għad-Direttiva 2009/148/KE b'rekwiżiti minimi obligatorji għat-taħriġ dwar ix-xogħol bl-asbestos, inklużi rekwiżiti speċifiċi għall-ħaddiema f'kumpaniji speċjalizzati fit-tneħħija tal-asbestos kif ukoll il-ħaddiema li jistgħu jiġu f'kuntatt ma' materjali li fihom l-asbestos waqt li jkunu qed iwettqu xogħolhom; barra mir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 14 tad-Direttiva 2009/148/KE, jemmen li l-Anness ta' dik id-Direttiva għandu jinkludi rekwiżiti għal durata minima ta' taħriġ fir-rigward tat-tip rispettiv ta' xogħol, dokumentazzjoni xierqa ta' dan it-taħriġ, u l-intervalli regolari li fihom ħaddiem individwali jeħtieġu jattendi taħriġ;

Ir-rikonoxximent u l-kumpens tal-mard relatat mal-asbestos

43. Jistieden lill-Kummissjoni ta' taġġorna r-rakkomandazzjoni ta' tagħha tad-19 ta' Settembru 2003 dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali²⁷ biex tinkludi l-aħħar għarfien mediku xjentifiku disponibbli dwar il-mard okkupazzjonali, b'mod partikolari fir-rigward tal-mard relatat mal-asbestos;
44. Jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw il-proċeduri ta' rikonoxximent billi jaqilbu l-oneru tal-provi, speċjalment jekk ir-reġistri nazzjonali għall-ħaddiema tal-asbestos ikunu ġew stabbiliti biss reċentement, u jistabbilixxu kumpens adegwat għall-ħaddiema li jbatu minn mard relatat mal-asbestos;
45. Jirrimarka li l-mard relatat mal-asbestos huwa sfida transfruntiera minħabba l-moviment liberu, u b'hekk b'mod partikolari jgħid ir-rwol tal-ħaddiema mobbli f'dan ir-rigward; ifakkar li l-mard okkupazzjonali u r-riskji tas-saħħa relatati mal-post tax-xogħol huma dejjem marbuta ma' professjoni, attività tax-xogħol, post tax-xogħol u ħin speċifiċi; jistieden lill-Kummissjoni biex, wara li tikkonsulta mas-sħab soċjali, tippreżenta proposta għal direttiva abbażi tal-Artikolu 153(1)(a) u (b) tat-TFUE li tistabbilixxi standards minimi tal-Unjoni għar-rikonoxximent u għall-kumpens tal-mard okkupazzjonali, inkluż mard relatat mal-asbestos;
46. Jistieden lill-Kummissjoni tressaq proposta biex l-Istati Membri jistabbilixxu funzjoni nazzjonali jew ombudsperson biex jassisti lill-vittmi ta' mard okkupazzjonali, u speċjalment mard relatat mal-asbestos li għandu perjodu twil ta' latenza, fi proċeduri ta' rikonoxximent; jistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw l-istabbiliment ta' assoċjazzjonijiet tal-pazjenti u ta' gruppi tat-trade unions għall-vittmi ta' mard relatat mal-asbestos u għall-familji ta' tagħhom u jinsisti fuq il-ħtieġa li dawn l-assoċjazzjonijiet jiġu kkonsultati bil-għan li jiġu ffaċilitati u ssimplifikati l-proċeduri ta' rikonoxximent; jappella għal żieda fil-finanzjament nazzjonali biex jiġu kkompensati l-vittmi ta' mard relatat mal-asbestos, biex tiġi żgurata kopertura suffiċjenti tal-kostijiet diretti u indiretti u l-prezz uman tal-marda;
47. Ifakkar li l-effett sinerġistiku tat-tipjip u l-esponiment għall-asbestos iżid b'mod konsiderevoli r-riskju li jiġi żviluppat kanċer tal-pulmun; jistieden lill-Istati Membri jipproponu programm ta' waqfien mit-tipjip għall-ħaddiema kollha esposti għall-asbestos; itenni li t-tipjip ma jrid qatt ikun raġuni biex ħaddiem jiġi eskluż mir-rikonoxximent ta' marda okkupazzjonali relatata mal-asbestos, jew milli jkun intitolat li jitlob kumpens u trattament mediku għal tali marda;
48. Jappella għal evalwazzjoni aħjar tar-riskji marbuta mal-esponiment sekondarju mhux okkupazzjonali, b'mod partikolari għall-membri tal-familja li jgħixu mal-ħaddiema tal-asbestos; jistieden lill-Istati Membri jiffaċilitaw ir-rikonoxximent u l-kumpens għall-vittmi dokumentati ta' esponiment sekondarju permezz ta' kuntatt mhux okkupazzjonali mal-asbestos u jużaw l-aħjar prattiki minn Stati Membri bħad-Danimarka; itenni l-perspettiva tal-ġeneru tal-esponiment sekondarju;
49. Jisħaq fuq l-eżistenza ta' tipi differenti ta' esponiment mhux okkupazzjonali għall-asbestos, b'konsegwenzi potenzjalment sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem, kemm jekk

²⁷ Ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni C(2003) 3297 tad-19 ta' Settembru 2003 dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali (ĠU L 238, 25.9.2003, p. 28).

ikunu ta' orġini paraokkupazzjonali (inkluż esponiment għat-trab tal-asbestos miġjub id-dar mill-ħaddiema), domestika (inkluża l-preżenza ta' oġġetti tad-dar li fihom l-asbestos) jew ambjentali (b'materjali eżistenti f'bini u installazzjonijiet jew ta' orġini industrijali);

50. Jisħaq li n-nisa li huma esposti għal riskji relatati mal-asbestos huma partikolarment vulnerabbli għal ċertu tip ta' esponiment għall-asbestos; jappella għal rikonoxximent aħjar tal-perspettiva tal-ġeneru fis-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, u għall-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-istrumenti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi kollha fl-Istati Membri, biex jiġi żgurat li l-ebda preġudizzju tal-ġeneru ma jkollu impatt fuq it-traċċar, l-identifikazzjoni, it-trattament jew il-kunsiderazzjoni ta' marda bħala relatata mal-asbestos, b'impatt konsegwenzjali fuq il-livell ta' kumpens għall-vittmi; jappella biex l-attivitajiet tat-tindif jitqiesu aktar bħala fatturi ta' riskju fid-dijanjożi tal-mard; jappella għal valutazzjonijiet aħjar tar-riskju u l-identifikazzjoni tal-esponiment għall-asbestos għall-ħaddiema li huma ħaddiema tat-tindif, speċjalment il-ħaddiema tat-tindif nisa, kif ukoll ta' persuni li jieħdu r-responsabbiltà għall-faċendi domestiċi mhux imħallsa, bħat-tindif ta' prodotti li huma kkontaminati bl-asbestos;
51. Jisħaq li l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas irid jitqies kemm jista' jkun fl-attribuzzjoni tal-kost tat-tneħħija tal-asbestos;

Skrinjar tal-asbestos qabel xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija u bejgħ jew kiri ta' bini

52. Ifakkar li l-premessa 14 tad-Direttiva (UE) 2018/844 li temenda d-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija tistieden lill-Istati Membri jappoġġjaw titjib fir-rendiment fl-użu tal-enerġija ta' bini eżistenti, inkluż permezz tat-tneħħija ta' asbestos u sustanzi oħra ta' ħsara, il-prevenzjoni tat-tneħħija illegali ta' sustanzi ta' ħsara, u l-iffaċilitar tal-konformità ma' atti leġiżlattivi eżistenti;
53. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta għal emenda għall-Artikolu 7 tad-Direttiva 2010/31/UE fil-kuntest ta' "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa" billi tintroduċi rekwiżit għall-iskrinjar obligatorju tal-asbestos, ir-reġistrazzjoni u t-tneħħija tal-asbestos u ta' sustanzi perikolużi oħra qabel ma jkun jista' jinbeda kwalunkwe xogħol ta' rinnovazzjoni filwaqt li tqis l-Artikolu 153(1)(a) tat-TFUE dwar it-titjib b'mod partikolari tal-ambjent tax-xogħol biex jiġu protetti s-saħħa u s-sikurezza tal-ħaddiema;
54. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposta leġiżlattiva għall-iskrinjar obligatorju tal-bini qabel il-bejgħ jew il-kiri u għall-istabbiliment ta' ċertifikati tal-asbestos għall-bini mibni qabel l-2005 jew qabel is-sena ta' projbizzjoni nazzjonali tal-asbestos ekwivalenti, skont liema tkun l-aktar bikrija;
55. Jistieden lill-Istati Membri jadottaw miżuri protettivi għall-kerrejja fejn jinstab l-asbestos qabel ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni tal-enerġija; jenfasizza li l-ispejjeż tal-iskrinjar u tat-tneħħija ma għandhomx jiħallsu mill-inkwilini; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-inkwilini jirċievu divulgazzjoni sħiħa fir-rigward tal-asbestos fil-bini u li jingħataw iċ-ċertifikat tal-asbestos;

L-Unjoni bħala mexxejja globali kontra l-asbestos

56. Jilqa' l-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2021 li jenfasizzaw il-ħtieġa li jissaħħu l-kapaċitajiet nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq u r-rwol tal-awtoritajiet doganali; jistieden lill-Istati Membri jsaħħu l-kontrolli u s-sorveljanza tas-suq u jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-fruntieri u tad-dwana ta' Stati Membri oħra biex jipprevjenu d-dħul fis-suq intern ta' prodotti li fihom l-asbestos illegali; jisħaq fuq l-importanza tal-appoġġ u tal-iżvilupp ta' soluzzjonijiet sostenibbli għaż-żarmar tal-bastimenti fl-Unjoni f'konformità mal-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari l-Ġdid sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa tal-ħaddiema minħabba l-esponiment għall-asbestos meta jiġu żarmati l-bastimenti; jistieden lill-Kummissjoni tiżgura standards għoljin għall-protezzjoni tal-ħaddiema mill-esponiment għall-asbestos f'faċilitajiet ta' riċiklaġġ tal-bastimenti approvati mill-Unjoni f'pajjiżi terzi; jistieden lill-Kummissjoni tnedi studju li janalizza l-iskala tal-importazzjonijiet illegali fl-Unjoni ta' prodotti u materjali li fihom l-asbestos, u li jiddeskrivi miżuri potenzjali għat-tisħiħ tas-sorveljanza tas-suq, li jista' jinkludi l-possibbiltà li jiġi ristrett l-aċċess għall-ittrakkar mal-art, għall-faċilitajiet tal-port u għall-ħżin temporanju fl-Unjoni ta' bastimenti li jgħorru l-asbestos li jkun fihom prodotti jew materjali bħala merkanzija fi tranżitu;
57. Jistieden lill-Kummissjoni tqis bħala prijorità li l-asbestos krisotil jitniżżel fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam u l-projbizzjoni globali tal-asbestos; jistieden lill-Unjoni taħdem flimkien ma' organizzazzjonijiet internazzjonali biex joħolqu strumenti biex jittimbraw lis-suq tal-asbestos bħala suq tossiku; jistieden lill-Unjoni tintegra l-għlieda kontra l-asbestos u l-mard relatat mal-asbestos fil-politiki esterni tagħha; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jżidu l-appoġġ tagħhom, inkluż dak finanzjarju, għall-atturi globali li jaħdmu kontra l-asbestos u l-mard relatat mal-asbestos, inkluża d-WHO; jikkundanna l-investiment finanzjarju fl-industrija tal-asbestos globali;
58. Ifakkar li terz tal-persuni fir-reġjun Ewropew tad-WHO jgħixu f'pajjiżi li għadhom ma pprojbewx l-użu tal-forom kollha ta' asbestos²⁸; jirrimarka li 16-il pajjiż Ewropew għadhom jużaw l-asbestos, b'mod partikolari bħala materjal tal-bini, u għadhom jipproduċuh u jesportawh;

Aspetti finanzjarji

59. Jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-implikazzjonijiet finanzjarji tat-talbiet tal-Parlament f'konformità mal-paragrafi 6 u 7 u l-punt 3 tal-Anness I;

o
o o

60. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni kif ukoll ir-rakkomandazzjonijiet fl-Anness lill-Kummissjoni u lill-Kunsill.

²⁸ <https://www.euro.who.int/en/media-centre/sections/press-releases/2015/04/at-least-one-in-three-europeans-can-be-exposed-to-asbestos-at-work-and-in-the-environment>

**ANNEX I GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI:
RAKKOMANDEZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA**

Direttiva qafas Ewropea għall-istrateġiji nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos

Il-Parlament Ewropew jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali kif previst fl-Artikolu 154, abbażi tal-Artikolu 152(2) u l-Artikolu 192(1) sa (5) tat-TFUE, direttiva qafas li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għall-istrateġiji nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos, filwaqt li tqis tal-anqas l-elementi li ġejjin:

- (1) valutazzjoni li tagħti stima tal-kwantitajiet u t-tipi predominanti ta' materjali li fihom l-asbestos li għandhom jitneħħew mill-bini u l-infrastruttura fi Stat Membru jew reġjun;
- (2) skeda ta' żmien għat-tneħħija tal-asbestos, inkluż il-prijoritizzazzjoni ta' ċertu bini - bħal skejjel, faċilitajiet tal-kura tas-saħħa, ċentri sportivi jew tal-akkomodazzjoni soċjali - l-istadji importanti, u l-evalwazzjonijiet regolari tal-progress li jkun sar tal-anqas kull 5 snin;
- (3) qafas finanzjarju, ibbażat fuq l-użu tal-fondi tal-ESI, għall-għoti ta' appoġġ lis-sidien tal-bini u għalhekk l-irbit tat-tneħħija tal-asbestos ma' politiki u programmi pubbliċi oħra (bħall-effiċjenza enerġetika, it-titjib fl-ambjent tal-għajxien, l-akkomodazzjoni soċjali, il-prevenzjoni tal-mard) għal raġunijiet ta' effiċjenza u użu ta' sinerġiji;
- (4) kriterji minimi għar-reġistri diġitali nazzjonali tal-asbestos, li għandhom jimmappjaw l-asbestos kollu eżistenti fi Stat Membru jew reġjun, inkluż tal-anqas ir-rekwiżiti li ġejjin:
 - (a) l-aċċessibilità pubblika, bla hłas, inkluż għall-ħaddiema u l-kumpaniji li jaħdmu f'bini jew infrastruttura, sidien, abitanti, pumpiera u servizzi oħra ta' emerġenza u utenti, f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679;
 - (b) is-sena tal-kostruzzjoni tal-bini jew l-infrastruttura kkonċernati (qabel jew wara l-projbizzjoni nazzjonali tal-asbestos);
 - (c) informazzjoni dwar it-tip ta' bini jew infrastruttura li fihom jinsab l-asbestos (bini privat, pubbliku jew kummerċjali);
 - (d) il-post speċifiku tas-sustanzi ta' ħsara u l-partijiet tal-bini li ġew skrinjati għall-asbestos;
 - (e) indikazzjoni ta' fejn se jsir ix-xogħol jew fejn sar (għewwa/barra) kif ukoll il-parti tal-bini (art, ħitan, soqfa, bjut) jew l-infrastruttura;
 - (f) it-tip ta' materjal (siment tal-asbestos, iżolament, stokk, eċċ.) u proporzjon stmat ta' dawk it-tipi ta' materjal;
 - (g) it-tip ta' xogħlijiet li jeħtieġ li jitwettqu u indikazzjoni tal-metodi tax-xogħol li jistgħu jfixklu l-materjali li fihom l-asbestos (tħaffir, qtugħ, eċċ.) u t-tul mistenni tax-xogħlijiet;
 - (h) skeda ta' żmien għat-tneħħija u pjan ta' ġestjoni;
- (5) rabta mar-regolamenti nazzjonali rilevanti kollha applikabbli dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, f'konformità mad-Direttiva 2009/148/KE;

- (6) pjan għar-rimi sikur, immonitorjat u ddokumentat tal-iskart li fih l-asbestos li jiżgura d-disponibbiltà ta' faċilitajiet adegwati tal-iskart f'konformità mal-prattiki nazzjonali; il-pjan għandu jinkludi soluzzjoni għas-separazzjoni sħiħa taċ-ċikli tal-iskart f'konformità mal-prinċipju ta' kontaminazzjoni żero tal-asbestos f'ċikli tal-iskart li jipprevjenu l-użu mill-ġdid ta' materjali tal-kostruzzjoni u li jiżguraw il-protezzjoni massima tal-ħaddiema fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari u ħżin ambjentalment sikur tal-iskart tal-asbestos skont l-aqwa teknoloġiji disponibbli;
- (7) strateġija għall-kontroll u l-infurzar tal-miżuri previsti fid-direttiva qafas, inklużi kampanji ta' sensibilizzazzjoni, miżuri ta' bini tal-kapaċitajiet ta' akkumpanjament għall-SMEs, spezzjonijiet u penali effettivi, proporzjonati u dissważivi fil-każ ta' nuqqas ta' konformità;
- (8) l-involviment mill-qrib tas-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra bħall-assoċjazzjonijiet tal-vittmi tal-asbestos u l-istituzzjonijiet nazzjonali ta' prevenzjoni għas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali, fit-traspożizzjoni, fl-implimentazzjoni u fil-monitoraġġ tad-Direttiva 2009/148/KE.

ANNEX II GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDEZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

Aġġornament tad-Direttiva 2009/148/KE

Il-Parlament Ewropew jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali kif previst fl-Artikolu 154, abbażi tal-Artikolu 153(2)(b) tat-TFUE, proposta biex tiġi emendata d-Direttiva 2009/148/KE dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol, abbażi tar-rakkomandazzjonijiet li ġejjin:

1. L-Artikolu 3 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej¹:

"1. Din id-Direttiva tapplika għall-attivitajiet *kollha* li fihom il-ħaddiema huma jew jistgħu jkunu esposti waqt xogħolhom għat-trab li jiġi mill-asbestos jew materjali li fihom l-asbestos."

(b) il-paragrafu 3² huwa mħassar;

(c) il-paragrafu 4 huwa sostitwit b'dan li ġej³:

"4. L-Istati Membri għandhom, wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali jipprekrivu linji gwida prattiċi għall-istabbiliment ta' espożizzjoni sporadika u ta' intensità baxxa. *Huma għandhom jiżviluppaw ukoll reazzjonijiet speċifiċi għas-settur biex il-ħaddiema jiġu protetti mill-espożizzjoni għat-trab tal-asbestos, inklużi attivitajiet fis-setturi tar-rinnovazzjoni u tad-demolizzjoni, il-ġestjoni tal-iskart, l-estrazzjoni mill-minjieri, it-tindif u t-tifi tan-nar.*"

2. L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

¹ It-test eżistenti huwa kif ġej:

"1. Din id-Direttiva tapplika għall-attivitajiet li fihom il-ħaddiema huma jew jistgħu jkunu esposti waqt xogħolhom għat-trab li jiġi mill-asbestos jew materjali li fihom l-asbestos."

² Il-paragrafu 3 imħassar huwa kif ġej:

"3. Sakemm l-espożizzjoni tal-ħaddiema tkun sporadika u ta' intensità baxxa, u meta jkun ċar mir-riżultati tal-istima tar-riskju msemmija fil-paragrafu 2 li l-limitu tal-espożizzjoni għall-asbestos m'għandux jinqabeż fl-arja taż-żona tax-xogħol, l-Artikoli 4, 18 u 19 jistgħu ma jiġux applikati meta x-xogħol jinvolvi:

- (a) attivitajiet ta' manutenzjoni qosra, mhux kontinwi li fihom jintmissu biss materjali li li ma jinkisrux malajr;
- (b) it-tneħħija mingħajr deterjorazzjoni ta' materjali mhux degradati li fihom il-fibri tal-asbestos huma mqabbdha sew mal-matriċi;
- (c) enkapsulazzjoni jew issiġillar ta' materjali li jkun fihom l-asbestos li huma f'kondizzjoni tajba;
- (d) monitoraġġ u kontroll tal-arja, u l-kampjunament biex jiġi aċċertat jekk materjal speċifiku jkunx fih l-asbestos."

³ It-test eżistenti huwa kif ġej:

"4. L-Istati Membri għandhom, wara konsultazzjoni mal-imsieħba soċjali, skont il-liġi u l-prattika nazzjonali jipprekrivu linji gwida prattiċi għall-istabbiliment ta' espożizzjoni sporadika u ta' intensità baxxa, hekk kif provdut fil-paragrafu 3."

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej⁴:

"1. Bla ħsara għall-Artikolu 3[...], għandhom jittieħdu l-miżuri previsti fil-paragrafi 2 sa 5."

(b) il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej⁵:

"3. In-notifika skont il-paragrafu 2 għandha tintbagħat minn min iħaddem lill-awtorità responsabbli tal-Istat Membru, qabel ma jinbeda x-xogħol, skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali.

Din in-notifika għandha tinkludi tal-anqas deskrizzjoni qasira ta':

(a) fejn jinsab *is-sit* tax-xogħol *u l-oqsma speċifiċi li fihom se jsir ix-xogħol*;

(b) it-tip u l-kwantitajiet ta' asbestos użati jew immaniġġjati;

(c) l-attivitajiet u l-proċessi involuti;

(d) in-numru ta' ħaddiema involuti, *il-lista ta' ħaddiema li x'aktarx jiġu assenjati fis-sit, iċ-ċertifikati individwali li juru l-kompetenza tagħhom u t-taħriġ li jkun rċevew, u d-dati tal-eżamijiet mediċi obbligatorji*;

(e) id-data tal-bidu tax-xogħol u t-tul ta' żmien *u l-ħinijiet tax-xogħol ippjanati*;

(f) *il-miżuri* meħuda biex jillimitaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-asbestos;

(g) *il-karatteristiċi tat-tagħmir użat għall-protezzjoni u għad-dekontaminazzjoni tal-ħaddiema*;

(h) *il-karatteristiċi tat-tagħmir użat għar-rimi tal-iskart*;

(i) *il-proċedura għad-dekontaminazzjoni tal-ħaddiema u tat-tagħmir, it-tul ta' żmien u s-siġhat tax-xogħol*;

(j) *bilanċ aerawliku provviżorju għax-xogħol imwettaq fil-magħluq*;

(k) *pjan għar-rimi sikur u sostenibbli tal-iskart, inkluż fir-rigward tad-destinazzjoni tal-asbestos li fih l-iskart*.

In-notifiki għandhom jinżammu mill-awtorità responsabbli tal-Istat Membru f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali għal minimu ta' 40 sena.

⁴ It-test eżistenti huwa kif ġej: "1. Bla ħsara għall-Artikolu 3(3), għandhom jittieħdu l-miżuri previsti fil-paragrafi 2 sa 5."

⁵ It-test eżistenti huwa kif ġej:
"3. In-notifika skont il-paragrafu 2 għandha tintbagħat minn min iħaddem lill-awtorità responsabbli tal-Istat Membru, qabel ma jinbeda x-xogħol, skont il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi nazzjonali.

Din in-notifika għandha tinkludi tal-anqas deskrizzjoni qasira ta':

(a) fejn jinsab s-sit tax-xogħol;

(b) it-tip u l-kwantitajiet ta' asbestos użati jew immaniġġjati;

(c) l-attivitajiet u l-proċessi involuti;

(d) in-numru ta' ħaddiema involuti;

(e) id-data tal-bidu tax-xogħol u t-tul ta' żmien;

(f) miżuri meħuda biex jillimitaw l-espożizzjoni tal-ħaddiema għall-asbestos."

3. **L-Artikolu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej⁶:**

"Artikolu 5

[...]

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il-*marketing* u l-użu tal-asbestos, attivitajiet li jesponu lill-ħaddiema għall-fibri tal-asbestos matul l-estrazzjoni ta' asbestos jew il-manifattura u l-ipproċessar ta' prodotti tal-asbestos jew il-manifattura u l-ipproċessar ta' prodotti li jkun fihom asbestos miżjud apposta għandhom ikunu projbiti, bl-eċċezzjoni tat-trattament u d-disponiment ta' prodotti li jirriżultaw mit-twaqqiġ u t-tneħħija tal-asbestos.

Il-partijiet u l-materjali li fihom l-asbestos li diġà jkunu qed jintużaw għandhom jitneħħew u jintremew b'mod sikur, meta jkun teknikament fattibbli, u ma għandhomx jissewew, jinżammu, jiġu ssiġillati jew jitgħattew. Materjali li fihom l-asbestos li ma jistgħux jitneħħew fi żmien qasir għandhom jiġu identifikati, irreġistrati u mmonitorjati regolarment.

4. **Fl-Artikolu 6, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej⁷:**

"(b) il-proċessi tax-xogħol għandhom ikunu disinjati biex ma jipproduċux trab tal-asbestos jew, jekk dan ikun impossibbli, li jiġi evitat ir-rilaxx ta' trab tal-asbestos fl-arja, ***billi tal-anqas jiġu implimentati l-miżuri li ġejjin:***

- (i) ***is-soppressjoni tat-trab;***
- (ii) ***il-ġbid tat-trab fis-sors;***
- (iii) ***is-sedimentazzjoni kontinwa tal-fibri sospiżi fl-arja;***
- (iv) ***id-dekontaminazzjoni xierqa;***
- (v) ***l-istabiliment ta' differenza minima fil-pressjoni ta' -10;***
- (vi) ***il-provvista ta' arja ta' sostituzzjoni nadifa minn punt aktar 'il bogħod;***
- (vii) ***il-verifika tal-prestazzjoni ta' unitajiet ta' pressjoni negattiva u vakwi portabbli ta' sistemi ta' ventilazzjoni tal-egżost lokali wara l-bidla ta' filtru HEPA u qabel il-bidu tat-tneħħija tal-asbestos jew tal-anqas darba fis-sena, billi jitkejlu l-effiċjenzi tat-tneħħija tal-filtri b'apparat li jgħodd il-partikoli b'qari dirett.***"

5. **L-Artikolu 7 huwa emendat kif ġej:**

⁶ It-test eżistenti huwa kif ġej:

"L-applikazzjoni tal-asbestos bi proċess ta' traxxix u proċeduri ta' xogħol li jinvolvu l-użu ta' materjali iżolanti jew li jwaqqfu l-ħoss ta' densità baxxa (anqas minn 1 g/cm³) li jkun jinsab fihom l-asbestos huma pprojbiti.

Mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet oħra tal-Komunità dwar il-*marketing* u l-użu tal-asbestos, attivitajiet li jesponu lill-ħaddiema għall-fibri tal-asbestos matul l-estrazzjoni ta' asbestos jew il-manifattura u l-ipproċessar ta' prodotti tal-asbestos jew il-manifattura u l-ipproċessar ta' prodotti li jkun fihom asbestos miżjud apposta għandhom ikunu projbiti, bl-eċċezzjoni tat-trattament u d-disponiment ta' prodotti li jirriżultaw mit-twaqqiġ u t-tneħħija tal-asbestos."

⁷ It-test eżistenti huwa kif ġej: "(b) il-proċessi tax-xogħol għandhom ikunu disinjati biex ma jipproduċux trab tal-asbestos jew, jekk dan ikun impossibbli, li jiġi evitat ir-rilaxx ta' trab tal-asbestos fl-arja."

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej⁸:

"1. *Skont* ir-riżultati tal-istima inizjali tar-riskju, u sabiex tiġi assigurata konformità mal-limitu preskritt fl-Artikolu 8, il-kejl tal-fibri tal-asbestos fl-arja fil-post tax-xogħol għandu jitwettaq billi *jsir kejl matul il-fażijiet operattivi speċifiċi u f'intervalli regolari matul il-proċess tax-xogħol.*"

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej⁹:

"2. Il-kampjunament għandu jkun rappreżentattiv tal-espożizzjoni personali *reali* tal-ħaddiema għal trab li joħroġ mill-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos."

(c) il-paragrafu 5 huwa sostitwit b'dan li ġej¹⁰:

"5. It-tul ta' żmien tal-kampjunament għandu jkun tali li espożizzjoni rappreżentattiva tista' tiġi stabbilita *għall-operazzjonijiet kollha fil-fażijiet differenti kollha tagħhom imwettqa matul il-proċess tax-xogħol.*"

(d) l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej¹¹:

"6. L-għadd tal-fibri għandu jitwettaq kull fejn possibbli permezz ta' *mikroskopija elettronika bi trażmissjoni analitika* jew xi metodu ieħor li jagħti riżultati ekwivalenti."

6. L-Artikolu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej¹²:

"Artikolu 8

Min iħaddem għandu jassigura li ebda ħaddiem ma jiġi espost għall-konċentrazzjoni ta' asbestos fl-arja li teċċedi *ż-0,001* fibri kull cm³ (*1 000 fibra kull m³*) *fi kwalunkwe mument matul il-proċess tax-xogħol.*"

7. Fl-Artikolu 10, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej¹³:

"1.

⁸ It-test eżistenti huwa kif ġej: "1. Skond ir-riżultati tal-stima inizjali tar-riskju, u sabiex tiġi assigurata konformità mal-limitu preskritt fl-Artikolu 8, il-kejl tal-fibri tal-asbestos fl-arja fil-post tax-xogħol għandu jitwettaq regolarment."

⁹ It-test eżistenti huwa kif ġej: "2. Il-kampjunament għandu jkun rappreżentattiv tal-espożizzjoni personali tal-ħaddiema għal trab li joħroġ mill-asbestos jew materjali li jkun fihom l-asbestos."

¹⁰ It-test eżistenti huwa kif ġej: "5. It-tul ta' żmien tal-kampjunament għandu jkun tali li espożizzjoni rappreżentattiva tista' tiġi stabbilita għal perjodu ta' referenza ta' tmien sigħat (xift wieħed) permezz ta' kejl jew kalkolazzjonijiet peżati skont il-ħin."

¹¹ It-test eżistenti huwa kif ġej: "6. L-għadd tal-fibri għandu jitwettaq kull fejn possibbli permezz ta' *phase-contrast microscope* (PCM) skont il-metodu rakkomandat tal-1997 mill-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) jew xi metodu ieħor li jagħti riżultati ekwivalenti."

¹² It-test eżistenti huwa kif ġej: "Min iħaddem għandu jassigura li ebda ħaddiem ma jiġi espost għall-konċentrazzjoni ta' asbestos fl-arja li teċċedi *ż-0,1* fibri kull cm³ fuq medja ta' perjodu ta' tmien sigħat peżat skont il-ħin (TWA)."

¹³ It-test eżistenti huwa kif ġej:
"1. Fejn il-limitu preskritt fl-Artikolu 8 jinqabeż, ir-raġunijiet għaliex il-limitu jkun inqabeż għandhom jiġu identifikati u miżuri adattati biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni għandom jittieħdu mill-aktar fis possibbli.
Ma jistax jibqa' jsir xogħol fiż-żona *affetwata* sakemm ma jkunux ittieħdu l-miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ħaddiema interessati."

Fejn il-limitu preskritt fl-Artikolu 8 jinqabeż *jew ikun hemm raġuni biex wieħed jemmen li l-materjali li fihom l-asbestos u li ma ġewx identifikati qabel ix-xogħol ikunu ġew disturbati b'mod li ġie ġġenerat it-trab, ix-xogħol irid jieqaf immedjatament*. Ir-raġunijiet għaliex il-limitu jkun inqabeż għandhom jiġu identifikati u miżuri xierqa biex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni għandhom jittieħdu mill-aktar fis possibbli.

M'għandux jibqa' jsir xogħol fiż-żona *affettwata* sakemm ma jkunux ittieħdu l-miżuri xierqa għall-protezzjoni tal-ħaddiema interessati."

8. L-Artikolu 11 huwa sostitwit b'dan li ġej¹⁴:

"Artikolu 11

Qabel ma jinbeda xogħol ta' twaqqiġ jew manutenzjoni, *jew xogħlijiet ta' rinnovazzjoni fuq bini mibni qabel l-2005 jew qabel is-sena ta' projbizzjoni nazzjonali tal-asbestos ekwivalenti, skont liema tkun l-ewwel, il-bini jrid jiġi skrinjat biex jiġu identifikati l-materjali kollha li fihom l-asbestos, f'konformità mar-rekwiżiti tal-Parti 6 tal-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u l-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 305/2011. L-iskrinjar irid jitwettaq minn operatur jew awtorità kkwalifikati u ċertifikati, filwaqt li jitqiesu l-Artikoli 14 u 15 ta' din id-Direttiva, u d-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali dwar il-bini.*

L-Istati Membri għandhom jirregolaw id-dettalji tal-esplorazzjonijiet u l-investigazzjonijiet għas-sejbien ta' materjali li fihom l-asbestos, f'konformità mar-regolamenti nazzjonali tagħhom dwar il-bini. Meta n-nuqqas totali tal-asbestos ma jkunx jista' jiġi garantit, ix-xogħlijiet għandhom isiru f'konformità mal-proċeduri li għandhom jiġu segwiti meta l-asbestos ikun preżenti."

9. Fl-Artikolu 12, l-ewwel paragrafu huwa sostitwit b'dan li ġej¹⁵:

Fil-każ ta' ċerti attivitajiet bħal xogħolijiet ta' twaqqiġ *jew it-tneħħija ta' asbestos[...]*, li fir-rigward tagħhom ikun previst li l-limitu tal-valur stipulat fl-Artikolu 8 jinqabeż

¹⁴ It-test eżistenti huwa kif ġej:
"Qabel ma jinbeda xogħol ta' twaqqiġ jew manutenzjoni, min iħaddem għandu jieħu, fejn xieraq, billi jikkseb informazzjoni mis-sidien tal-post, il-passi kollha meħtieġa biex jidentifika materjali li huwa maħsub li fihom l-asbestos.
Jekk ikun hemm xi dubju dwar il-preżenza ta' asbestos f'materjal jew kostruzzjoni, id-dispożizzjonijiet applikabbli ta' din id-Direttiva għandhom jiġu osservati."

¹⁵ It-test eżistenti huwa kif ġej:
"Fil-każ ta' ċerti attivitajiet bħal xogħolijiet ta' twaqqiġ, tneħħija, tiswija u manutenzjoni li fir-rigward tagħhom ikun prevvist li l-limitu tal-valur stipulat fl-Artikolu 8 jinqabeż minkejja l-użu ta' miżuri tekniċi preventivi għall-illimitar ta' konċentrazzjoni ta' asbestos fl-arja, min iħaddem għandu jstabbilixxi l-miżuri maħsuba biex tiġi assicurata l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li jkunu qed jaħdmu f'dawk l-attivitajiet, b'mod partikolari dan li ġej:
(a) il-ħaddiema għandu jinħarġilhom apparat respiratorju adattat u apparat ieħor personali protettiv, li għandu jintlibes;
(b) għandhom jitqiegħdu sinjali ta' twissija li juru li huwa prevvist li l-limitu preskritt fl-Artikolu 8 se jjer jinqabeż; u
(c) it-tixrid ta' trab li joħroġ mill-asbestos jew materjali li fihom l-asbestos barra l-post jew is-sit tal-azzjoni għandu jkun evitat."

minkejja l-użu tal-miżuri tekniċi preventivi ***kollha possibbli*** għall-illimitar ta' konċentrazzjoni ta' asbestos fl-arja, min iħaddem għandu jstabbilixxi l-miżuri maħsuba biex tiġi assigurata l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li jkunu qed jaħdmu f'dawk l-attivitajiet, b'mod partikolari dan li ġej:

- (a) il-ħaddiema għandu jinħarġilhom apparat respiratorju adattat u apparat ieħor personali protettiv, li għandu jintlibes;
- (b) għandhom jitqiegħdu sinjali ta' twissija li juru li huwa prevvist li l-limitu preskritt fl-Artikolu 8 sejjer jinqabeż;
- (c) it-tixrid ta' trab li joħroġ mill-asbestos jew materjali li fihom l-asbestos barra l-post jew is-sit tal-azzjoni għandu jkun evitat ***u l-ventilazzjoni tal-arja minn siti tat-tneħħija tal-asbestos fi spazju magħluq ma għandhiex tiġi permessa; u***
- (d) ***kejl ta' konċentrazzjoni tal-fibri tal-asbestos fl-arja għandu jitwettaq wara li l-attivitajiet imsemmija f'dan il-paragrafu jkunu ġew konklużi sabiex jiġi żgurat li l-ħaddiema jkunu jistgħu jidħlu mill-ġdid fil-post tax-xogħol b'mod sikur.***

10. Fl-Artikolu 13, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej¹⁶:

"1. Għandu jiffassal pjan ta' xogħol qabel ***ma jinbeda kwalunkwe xogħol b'rabta mal-asbestos.***"

11. Fl-Artikolu 14, il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej¹⁷:

- "2. Il-kontenut tat-taħriġ għandu jkun jiftiehem faċilment mill-ħaddiema. Għandu jippermettilhom li jiksbu ***l-gharfienu*** l-kapaċitajiet meħtieġa f'termini ta' prevenzjoni u sigurtà, ***f'konformità mal-liġijiet u mar-regolamenti applikabbli fl-Istati Membri fejn isir ix-xogħol.***
3. ***Rekwiżiti minimi obbligatorji għall-kontenut, it-tul ta' żmien, l-intervalli u d-dokumentazzjoni tat-taħriġ huma speċifikati fl-Anness Ia.***"

12. L-Artikolu 15 huwa sostitwit b'dan li ġej¹⁸:

¹⁶ It-test eżistenti huwa kif ġej:

"1. Għandu jiffassal pjan ta' xogħol qabel ma jinbeda xi xogħol ta' twaqqiġ jew xogħol ta' tneħħija tal-asbestos u/jew ta' prodotti li jkunu fihom l-asbestos minn bini, strutturi, impjanti jew installazzjonijiet jew minn vapuri."

¹⁷ It-test eżistenti huwa kif ġej:

"2. Il-kontenut tat-taħriġ għandu jkun jiftiehem faċilment mill-ħaddiema. Għandu jippermettilhom li jiksbu l-għerf u l-kapaċitajiet meħtieġa f'termini ta' prevenzjoni u sigurtà, partikolarment fir-rigward ta':

- (a) il-proprjetajiet tal-asbestos u l-effetti tiegħu fuq is-saħħa, inkluż l-effett sinerġiku tat-tipjip;
- (b) it-tipi ta' prodotti u materjali li x'aktarx ikun fihom l-asbestos;
- (c) l-operazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw f'espożizzjoni għall-asbestos u l-importanza ta' kontrolli preventivi biex tiġi minimizzata l-espożizzjoni;
- (d) Prattika ta' xogħol bla perikolu, kontrolli u apparat protettiv;
- (e) ir-rwol xieraq, l-għażla, l-għażla, is-selezzjoni, il-limitazzjonijiet u l-użu kif imiss ta' apparat respiratorju;
- (f) proċeduri ta' emerġenza;
- (g) proċeduri ta' dekontaminazzjoni;
- (h) rimi tal-iskart;
- (i) ħtiġiet ta' eżami mediku.

3. Linji gwida prattiċi għat-taħriġ ta' ħaddiema li jneħħu l-asbestos għandhom ikunu żviluppati fil-livell tal-Komunità."

¹⁸ It-test eżistenti huwa kif ġej: "Qabel ma jitwettaq xogħol ta' twaqqiġ jew tneħħija ta' asbestos, id-ditti

"Artikolu 15

1. *Impriża li jkollhom l-intenzjoni li jwettqu xogħol ta' twaqqigħ jew tneħħija tal-asbestos għandu jkollhom l-obbligu li jiksbu, qabel il-bidu tax-xogħlijiet, permess li jkun jista' jiġġedded mill-awtorità kompetenti. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jagħtu tali permessi jekk l-impriża applikanti toffri prova ta' tagħmir tekniku mill-aktar avvanzat u adegwat għal proċeduri tax-xogħol mingħajr emissjonijiet jew, fejn dan ma jkunx għadu teknikament possibbli, proċeduri ta' xogħol b'emissjonijiet baxxi f'konformità mar-rekwiżiti tal-Artikolu 6, u ċertifikati tat-taħriġ għall-ħaddiema individwali tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 u l-Anness 1a.*
2. *L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu permessi lill-impriżi biss jekk ma jkollhom l-ebda dubju dwar l-affidabbiltà tal-impriża u l-ġestjoni tagħha. Il-permessi għandhom ikunu jistgħu jiġġeddu kull ħames snin, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali.*
3. *L-Istati Membri għandhom jistabilixxu reġistri pubbliċi tal-impriżi awtorizzati li jneħħu l-asbestos skont il-paragrafu 1."*

13. Fl-Artikolu 16, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej¹⁹:

- "1. Fir-rigward tal-attivitajiet kollha msemmija fl-Artikolu 3(1)[...], għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li:
- (a) il-postijiet fejn isiru l-attivitajiet msemmija aktar 'il fuq għandhom:
 - (i) ikunu mmarkati b'mod ċar u indikati b'sinjali ta' twissija;
 - (ii) ma jkunux aċċessibbli għall-ħaddiema ħlief għal dawk li għandhom bżonn jidħlu fihom minħabba x-xogħol jew id-dmirijiet tagħhom;
 - (iii) ikunu żoni fejn ma jkunx permess tipjip;

¹⁹

għandhom jipprovdu evidenza tal-abbiltà tagħhom f'dan il-qasam. L-evidenza għandha tiġi stabbilita skont il-liġijiet u/jew Prattika nazzjonali."

It-test eżistenti huwa kif ġej:

"1. Fir-rigward tal-attivitajiet kollha msemmija fl-Artikolu 3(1), u bla ħsara għall-Artikolu 3(3), għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa biex jiżguraw li:

- (a) il-postijiet fejn isiru l-attivitajiet msemmija aktar 'il fuq għandhom:
 - (i) ikunu mmarkati b'mod ċar u indikati b'sinjali ta' twissija;
 - (ii) ma jkunux aċċessibbli għall-ħaddiema ħlief għal dawk li għandhom bżonn jidħlu fihom minħabba x-xogħol jew id-dmirijiet tagħhom;
 - (iii) ikunu żoni fejn ma jkunx permess tipjip;
- (b) jitwarrbu żoni fejn il-ħaddiema jistgħu jieklu u jixorbu mingħajr ir-riskju ta' tniġġis mit-trab tal-asbestos;
- (c) il-ħaddiema jiġu pprovduti b'ilbies tax-xogħol xieraq jew protettiv; dan l-ilbies tax-xogħol jew protettiv jibqa' ġewwa l-impriża; iżda, jista' jinħasel fi stabbilimenti barra l-impriża li huma mgħammra għal dan it-tip ta' xogħol kemm-il darba l-impriża stess ma tagħmilx it-tindif; f'dak il-każ l-ilbies għandu jinġarr f'kontenituri magħluqa;
- (d) jiġu pprovduti postijiet separati għaż-żamma tal-ilbies tax-xogħol jew protettiv u l-ilbies ta' barra;
- (e) il-ħaddiema jiġu pprovduti b'faċilitajiet xierqa għall-ħasil u twaletta, inklużi doċoċ fil-każ ta' ħidmiet fit-trab;
- (f) l-apparat protettiv jitqiegħed f'post definit tajjeb u jiġi kkontrollat u mnaddaf wara kull darba li jintuża u għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa biex jissewwa jew jinbidel apparat difettuż qabel ma jerġa' jintuża."

- (b) jitwarrbu żoni fejn il-ħaddiema jistgħu jieklu u jixorbu mingħajr ir-riskju ta' tniġġis mit-trab tal-asbestos;
- (c) il-ħaddiema jiġu pprovduti b'ilbies tax-xogħol xieraq jew protettiv; *l-irkaptu protettiv, u speċjalment it-tagħmir respiratorju, iridu jkunu soġġetti għal kontroll individwali obbligatorju tal-idoneità*; l-ilbies tax-xogħol jew protettiv *kollu* jibqa' ġewwa l-impriża; iżda, jista' jinħasel fi stabbilimenti barra l-impriża li huma mġhamra għal dan it-tip ta' xogħol kemm-il darba l-impriża stess ma tagħmilx it-tindif; f'dak il-każ l-ilbies għandu jinġarr f'kontenituri magħluqa;
- (ca) *iridu jiġu previsti pawżi regolari obbligatorji u b'ħin biżżejjed għar-riġenerazzjoni għall-ħaddiema li jilbsu tagħmir respiratorju*;
- (d) jiġu pprovduti postijiet separati għaż-żamma tal-ilbies tax-xogħol jew protettiv u l-ilbies ta' barra;
- (e) il-ħaddiema jiġu *soġġetti għal proċedura obbligatorja ta' dekontaminazzjoni*;
- (f) l-apparat protettiv jitqiegħed f'post definit tajjeb u jiġi kkontrollat u mnaddaf wara kull darba li jintuża u għandhom jittieħdu l-miżuri xierqa biex jissewwa jew jinbidel apparat difettuż qabel ma jerġa' jintuża."

14. Fl-Artikolu 17(2), il-parti introduttorja hija sostitwita b'dan li ġej²⁰:

"2. Barra mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1/[...], għandhom jittieħdu miżuri xierqa li jiżguraw li:"

15. L-Artikolu 18 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej²¹:

"1. Bla ħsara għall-Artikolu 3/[...], għandhom jittieħdu l-miżuri mniżżla fil-paragrafi 2 sa 5."

(b) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej²²:

"2. Għandha tkun disponibbli stima tal-istat tas-saħħa ta' kull ħaddiem qabel ma jibdedw ikunu esposti għall-asbestos jew għall-materjali li jkun fihom l-asbestos fuq il-post tax-xogħol.

Din l-istima għandha tinkludi eżami speċifiku tas-sider. L-Anness I jagħti

²⁰ It-test eżistenti huwa kif ġej:

"Barra mill-miżuri msemmija fil-paragrafu 1, u bla ħsara għall-Artikolu 3(3), għandhom jittieħdu miżuri xierqa li jiżguraw li:"

²¹ It-test eżistenti huwa kif ġej: "1. Bla ħsara għall-Artikolu 3(3), għandhom jittieħdu l-miżuri mniżżla fil-paragrafi 2 sa 5."

²² It-test eżistenti huwa kif ġej:

"2. Għandha tkun disponibbli stima tal-istat tas-saħħa ta' kull ħaddiem qabel ma jibdedw ikunu esposti għall-asbestos jew għall-materjali li jkun fihom l-asbestos fuq il-post tax-xogħol.
Din l-istima għandha tinkludi eżami speċifiku tas-sider. L-Anness I jagħti rakkomandazzjonijiet prattiċi li l-Istati Membri jistgħu jirriferu għalihom għas-sorveljanza klinika tal-ħaddiema; dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu adattati għall-progress tekniku skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 89/391/KEE.
Stima ġdida għandha tkun disponibbli mill-inqas darba kull tliet snin sakemm tkompli l-espożizzjoni. Għandu jitwaqqaf rekord individwali tas-saħħa, skont il-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali għal kull ħaddiem imsemmija fl-ewwel subparagrafu."

rakkomandazzjonijiet prattiċi li l-Istati Membri jistgħu jirrifere għalihom għas-sorveljanza klinika tal-ħaddiema; ***dawn ir-rakkomandazzjonijiet għandhom jiġu adattati għall-progress tekniku skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 17 tad-Direttiva 89/391/KEE.***

[...]

Stima ġdida għandha tkun disponibbli mill-inqas darba kull tliet snin sakemm tkompli l-espożizzjoni.

Għandu jiġi stabbilit rekord individwali tas-saħħa ***u jinżamm għal mill-inqas 40 sena*** skont il-liġijiet u/jew il-prattika nazzjonali għal kull ħaddiem imsemmija fl-ewwel subparagrafu."

16. Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 18c

Sa ... [5 snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja] u kull ħames snin wara, il-Kummissjoni għandha, wara li tikkonsulta s-sħab soċjali, tirrieżamina l-istat teknoloġiku u xjentifiku tat-teknoloġija tal-identifikazzjoni, tal-kejl jew tat-twissija tal-asbestos u toħroġ linji gwida għal meta tali teknoloġija għandha tintuża sabiex tħares lill-ħaddiema mill-espożizzjoni għall-asbestos."

17. Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej²³:

"1. Bla ħsara għall-Artikolu 3[...], għandhom jittieħdu l-miżuri msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4."

18. L-Artikolu 21 huwa sostitwit b'dan li ġej²⁴:

"Artikolu 21

1. L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru tal-każijiet kollha magħrufa ta' ***mard relatat mal-asbestos.***
2. ***It-terminu "każijiet magħrufa" msemmi fil-paragrafu 1 ma għandux ikun limitat għal każijiet li għalihom jinġhata kumpens, iżda għandu jirreferi għall-każijiet kollha ta' mard relatat mal-asbestos li tkun saritlu dijanjożi medika.***
3. ***L-Istati Membri għandhom iżommu reġistru tal-każijiet kollha rikonoxxuti ta' mard okkupazzjonali relatat mal-asbestos. Lista indikattiva ta' mard li jista' jkun ikkawżat minn espożizzjoni għall-asbestos skont l-għarfien attwali hija stabbilita fl-Anness 1b.***

19. Jiddaħħal l-artikolu li ġej:

"Artikolu 21a

²³ It-test eżistenti huwa kif ġej: "1. Bla ħsara għall-Artikolu 3(3) għandhom jittieħdu l-miżuri msemmija fil-paragrafi 2, 3 u 4."

²⁴ It-test eżistenti huwa kif ġej: "L-Istati Membri jridu jżommu reġistru tal-każijiet kollha magħrufa ta' asbestożi u tal-mesoteljoma."

F'każ ta' nar, l-informazzjoni kollha eżistenti dwar il-preżenza u l-post tal-asbestos għandha titqiegħed għad-dispożizzjoni tal-pumpiera u tas-servizzi tal-emerġenza."

20. Jiddaħħlu l-annessi li ġejjin:

"Anness 1a

REKWIŻITI MINIMI OBBLIGATORJI GĦAT-TAĦRIĠ

Il-ħaddiema kollha li jkunu, jew li x'aktarx ikunu, esposti għat-trab mill-asbestos jew materjali li fihom l-asbestos, għandhom jirċievu taħriġ obbligatorju, li jinkludi tal-anqas ir-rekwiżiti minimi li ġejjin:

- 1. It-taħriġ għandu jingħata fil-bidu ta' relazzjoni ta' impjieg u f'intervalli ta' mhux aktar minn 4 snin.*
- 2. Kull kors ta' taħriġ għandu jkollu tul ta' żmien minimu ta' 3 ijiem tax-xogħol.*
- 3. It-taħriġ għandu jiġi pprovdut minn istituzzjoni u minn għalliem ikkwalifikati u ċertifikati u mwettaq minn awtorità jew korp kompetenti rikonoxxut ta' Stat Membru, f'konformità mal-liġi u l-prattika nazzjonali.*
- 4. Kull ħaddiem li jkun attenda t-taħriġ b'mod sodisfaċenti u jkun għadda mit-test meħtieġ għandu jirċievi ċertifikat tat-taħriġ li jindika:*
 - (a) id-data tat-taħriġ;*
 - (b) it-tul taż-żmien kemm idum it-taħriġ;*
 - (c) il-kontenut tat-taħriġ;*
 - (ca) il-lingwa tat-taħriġ;*
 - (d) u l-isem, il-kwalifika u d-dettalji ta' kuntatt tal-għalliem u l-istituzzjoni li jipprovdu t-taħriġ.*
- 5. Il-ħaddiema kollha li jkunu, x'aktarx li jkunu, jew li huma f'riskju li jiġu esposti għat-trab mill-asbestos jew materjali li fihom l-asbestos għandhom tal-anqas jirċievu t-taħriġ li ġej li jkun fih parti teoretika u parti Prattika rigward:*
 - (a) il-liġi applikabbli tal-Istat Membru li fih isir ix-xogħol;*
 - (b) il-proprjetajiet tal-asbestos u l-effetti tiegħu fuq is-saħħa, inkluż l-effett sinerġistiku tat-tippip, kif ukoll ir-riskji marbuta mal-espożizzjoni sekondarja u ambjentali;*
 - (c) it-tipi ta' prodotti u materjali li x'aktarx ikun fihom l-asbestos;*
 - (d) l-operazzjonijiet li jistgħu jirriżultaw f'espożizzjoni għall-asbestos u l-importanza ta' kontrolli preventivi biex tiġi minimizzata l-espożizzjoni;*
 - (e) Prattiki ta' xogħol sikuri, inkluż it-tħejjija fuq il-post tax-xogħol, l-għażla tal-metodi tax-xogħol u l-ippjanar tal-eżekuzzjoni tax-xogħol, il-ventilazzjoni, l-estrazzjoni tal-punti, il-kejl u l-kontroll, u l-pawżi regolari;*
 - (f) ir-rwol xieraq, l-għażla, is-selezzjoni, il-limitazzjonijiet u l-użu xieraq ta' tagħmir protettiv, b'mod speċjali tagħmir respiratorju;*
 - (g) proċeduri ta' emerġenza;*
 - (h) proċeduri ta' dekontaminazzjoni;*

- (i) *rimi tal-iskart;*
- (j) *ħtiġiet ta' eżami mediku.*

It-taħriġ għandu jiġi adattat kemm jista' jkun mill-qrib għall-karatteristiċi tal-professjoni u l-kompiti speċifiċi u l-metodi ta' xogħol li tinvolti.

6. *Il-ħaddiema li jkunu involuti f'xogħol ta' twaqqiġ jew tneħħija tal-asbestos għandhom jirċievu taħriġ, minbarra l-elementi elenkati taħt il-paragrafu 4, dwar:*
- (a) *l-użu ta' tagħmir u magni teknoloġiċi biex irażżnu r-rilaxx u t-tixrid tal-fibri tal-asbestos matul il-proċessi tax-xogħol, f'konformità mad-Direttiva 2009/104/KE;*
 - (b) *l-aktar teknoloġiji u magni ġodda disponibbli għal proċeduri tax-xogħol mingħajr emissjonijiet jew, fejn dan ma jkunx għadu teknikament possibbli, biex irażżnu r-rilaxx u t-tixrid tal-fibri tal-asbestos.*

Anness Ib

LISTA TA' MARD RELATAT MAL-ASBESTOS

L-għarfien attwali jindika li l-esponiment għall-fibri tal-asbestos jista' tal-anqas iwassal għall-mard okkupazzjonali relatat mal-asbestos li ġej u li l-Istati Membri għalhekk għandhom jintroduċu fid-dispożizzjonijiet tal-liġi nazzjonali tagħhom:

- *l-asbestożi,*
- *il-mesoteljoma wara t-teħid man-nifs ta' trab tal-asbestos,*
- *il-mard plewrali mhux perikoluż inklużi leżjonijiet fibrotiċi, atelettażi ttundjata u effużjoni plewrali mhux perikoluża kkawżata mill-asbestos,*
- *il-kanċer tal-pulmun inkluż il-kanċer tal-bronki wara t-teħid man-nifs ta' trab tal-asbestos,*
- *il-kanċer tal-larinġi wara t-teħid man-nifs ta' trab tal-asbestos,*
- *il-kanċer tal-ovarji kkawżat mill-asbestos,*

l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer innotat assoċjazzjonijiet pożittivi bejn l-esponiment għall-asbestos u l-mard li ġej:

- *il-kanċer tal-farinġi,*
- *il-kanċer kolorettali,*
- *il-kanċer fl-istonku.*

ANNEX III GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI: RAKKOMANDEZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA

Ir-rikonoxximent u l-kumpens tal-mard relatat mal-asbestos

Il-Parlament Ewropew jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, wara konsultazzjoni mas-sħab soċjali kif previst fl-Artikolu 154, abbażi tal-Artikolu 153(2)(b) tat-TFUE, proposta għal direttiva li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għar-rikonoxximent tal-mard okkupazzjonali, inkluż il-mard kollu relatat mal-asbestos, u kumpens adegwat għall-individwi kkonċernati. Il-proposta mill-Kummissjoni għandha tal-anqas tqis l-elementi li ġejjin:

- (1) lista ta' mard okkupazzjonali li jikkwalifika għal kumpens u soġġett għal miżuri preventivi li għandhom jiġu rikonnoxxuti mill-Istati Membri u jkunu mingħajr preġudizzju għal-liġi nazzjonali aktar favorevoli, abbażi tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tad-19 ta' Settembru 2003 dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali, u aġġornata skont l-aktar għarfien xjentifiku reċenti disponibbli;
- (2) l-istabbiliment ta' punti uniċi ta' kuntatt bħala punti ta' kuntatt għall-individwi kkonċernati li jittrattaw il-kwistjonijiet kollha dwar il-mard okkupazzjonali;
- (3) l-istabbiliment ta' funzjoni nazzjonali, bħal ombudsperson biex jassisti lill-vittmi tal-mard okkupazzjonali fi proċeduri ta' rikonnoxximent kif ukoll iż-żieda fl-appoġġ u l-iskambju tal-aħjar prattiki ma', fost l-oħrajn, trade unions u assoċjazzjonijiet tal-vittmi fir-rigward tal-proċeduri ta' rikonnoxximent;
- (4) li jinqaleb l-oneru tal-provi għar-rikonoxximent tal-mard okkupazzjonali jew tal-anqas is-simplifikazzjoni effettiva tiegħu, pereżempju billi jiġi previst li fejn l-esponiment għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol jista' jiġi stabbilit b'mod raġonevoli, tista' tiġi preżunta rabta bejn l-esponiment u s-sintomi sussegwenti;
- (5) dispożizzjonijiet għal kumpens adegwat ta' mard okkupazzjonali rikonnoxxut.

**ANNEX IV GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI:
RAKKOMANDEZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA**

**Aġġornament tad-Direttiva 2010/31/UE - L-iskrinjar tal-asbestos qabel xogħlijiet
ta' rinnovazzjoni tal-enerġija**

Il-Parlament Ewropew jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 194(2) tat-TFUE, proposta għal emenda għad-Direttiva 2010/31/UE dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, abbażi tar-rakkomandazzjoni li ġejja:

L-Artikolu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Artikolu 7

Bini eżistenti

L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jiżguraw li meta xi bini jgħaddi minn rinovazzjoni maġġuri, ir-rendiment tal-bini jew tal-parti minnu rinovata fl-użu tal-enerġija tiġi aġġornata sabiex tissodisfa r-rekwiżiti minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija stabbiliti skont l-Artikolu 4 sa fejn dan ikun teknikament, funzjonalment u ekonomikament vijabbli.

Dawk ir-rekwiżiti għandhom jiġu applikati għall-bini rinovat jew l-unità tal-bini li jiġi meqjus bħala ħaġa waħda. Addizzjonalment jew alternattivament, jistgħu jiġu applikati rekwiżiti għall-elementi rinovati tal-bini.

Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji biex jiżguraw li meta element tal-bini li jiffirma parti mill-involukru tal-bini u għandu impatt sinifikanti fuq ir-rendiment tal-involukru tal-bini fl-użu tal-enerġija, meta jkun ġie irranġat jew mibdul, ir-rendiment tal-element ta' bini fl-użu tal-enerġija tissodisfa r-rekwiżiti minimi għar-rendiment fl-użu tal-enerġija sa fejn dan huwa teknikament, funzjonalment u ekonomikament vijabbli.

L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw dawn il- prestazzjonijiet minimi tal-enerġija skont l-Artikolu 4.

L-Istati Membri għandhom iħeġġu, fir-rigward ta' bini li tkunqed issirli rinnovazzjoni maġġuri, sistemi alternattivi b'effiċjenza għolja, sa fejn dan ikun teknikament, funzjonalment u ekonomikament fattibbli, u għandhom jindirizzaw il-kwistjonijiet ta' kondizzjonijiet klimatiċi ta' ġewwa tajbin għas-saħħa, is-sikurezza kontra n-nirien u riskji relatati ma' attività sismika qawwija.

L-Istati Membri għandhom jagħmlu obligatorju l-iskrinjar tal-bini għall-asbestos u materjali perikolużi oħra qabel il-bidu tax-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni. Ir-riżultat tal-iskrinjar għandu jiġi rrappurtat f'ċertifikat li jispeċifika l-preżenza jew l-assenza tal-asbestos jew ta' materjali perikolużi oħra. Fl-ewwel każ, iċ-ċertifikat għandu jispeċifika t-tipi ta' materjali li jkun fihom tali sustanzi u l-post eżatt tagħhom. Meta r-riżultat tal-esplorazzjoni u l-investigazzjonijiet ma jkunx jista' jeskludi l-preżenza tal-asbestos f'materjal, il-prinċipju ta' prekawzjoni għandu japplika. It-tneħħija u r-rimi ta' materjali li ser jiġu affettwati mir-rinovazzjoni għandhom isiru b'mod ordnat u sikur f'konformità mad-Direttiva 2009/148/KE, ir-Regolament (UE) Nru 305/2011, u ma' atti leġiżlattivi rilevanti oħra."

**ANNEX V GĦALL-MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI:
RAKKOMANDEZZJONIJIET DWAR IL-KONTENUT TAL-PROPOSTA MITLUBA**

L-iskrinjar tal-asbestos ta' bini għall-bejgħ jew għall-kiri

Il-Parlament Ewropew jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 169(3) u l-Artikolu 114(1) tat-TFUE, direttiva li tistabbilixxi rekwiżiti minimi għaċ-ċertifikati tal-asbestos għall-bini mibni qabel l-2005 jew qabel is-sena tal-projbizzjoni nazzjonali tal-asbestos ekwivalenti, tkun liema tkun l-ewwel, u li jinbiegħ jew jinkera. Il-proposta għandha tikkunsidra bħala minimu l-elementi li ġejjin:

- (1) obbligu għas-sidien tal-bini (pubbliku u privat) mibni qabel l-2005 jew qabel is-sena ta' projbizzjoni nazzjonali tal-asbestos ekwivalenti, tkun liema tkun l-ewwel, li jikkummissjonaw skrinjar tal-bini biex isibu u jidentifikaw il-preżenza jew l-assenza tal-materjali li fihom l-asbestos qabel ma jinbiegħ jew jinkera l-bini (jew parti minnu);
- (2) l-iskrinjar għandu jsir biss minn operaturi ċċertifikati, f'konformità mad-Direttiva 2009/148/KE, mal-liġi u l-prattika nazzjonali, u taħt is-supervizzjoni ta' korp nazzjonali kompetenti;
- (3) sabiex l-utenti jew l-okkupanti jiġu protetti bl-aktar mod effettiv possibbli, l-iskrinjar u, jekk meħtieġ, it-tneħħija, jew jekk teknikament mhux possibbli, l-inkapsulament, għandhom jitwettqu minn operaturi kkwalifikati u ċċertifikati f'konformità mad-Direttiva 2009/148/KE u l-liġi u l-prattika nazzjonali, u taħt is-supervizzjoni ta' korp nazzjonali kompetenti;
- (4) l- operatur iċċertifikat għandu jikkomunika r-riżultati tal-iskrinjar lis-sid u korp nazzjonali kompetenti (punt uniku ta' kuntatt) għandu joħroġ ċertifikat irregiſtrat f'regiſtru nazzjonali msemmi fil-punt (5) u jagħti informazzjoni u pariri lis-sidien dwar il-liġijiet u r-regolamentazzjoni applikabbli, inkluż dwar it-tneħħija korretta u sikura tal-asbestos identifikat, u l-appoġġ finanzjarju disponibbli mill-fondi SIE rilevanti;
- (5) iċ-ċertifikati tal-asbestos għandu jkun fihom ir-riżultat tal-iskrinjar, inkluża lista tat-tipi ta' materjali li jkun fihom l-asbestos misjuba, il-post eżatt fejn jinsabu, l-istat attwali tagħhom ta' konservazzjoni flimkien ma' notifika tax-xogħol u s-sorveljanza meħtieġa biex jiġi evitat dannu għas-saħħa tal-okkupanti, kunċett għat-tneħħija sikura u informazzjoni dwar żoni potenzjali tal-bini li ma kienx possibbli li jiġu skrinjati jew fejn l-investigazzjonijiet ma jistgħux jeskludu l-preżenza tal-asbestos;
- (6) iċ-ċertifikat li jispeċifika l-preżenza tal-asbestos għandu jkollu perjodu ta' validità adegwat li jirrifletti s-sorveljanza meħtieġa, sabiex tiġi evitata multiplikazzjoni tal-iskrinjar;
- (7) iċ-ċertifikati għandhom jiġu integrati fir-reġistri eżistenti tal-asbestos, magħmula disponibbli għall-kumpaniji u għall-ħaddiema li jwettqu xogħlijiet fil-bini, annessi ma' kwalunkwe ftehim ta' bejgħ relatat mal-proprjetà u magħmula disponibbli għal kwalunkwe inkwilin tal-proprjetà;
- (8) għandhom jiġu stabbiliti multi effettivi, proporzjonati u dissważivi għall-bejgħ u l-kirreġja ta' bini li ma jikkummissjonawx l-iskrinjar preskritt u jirrapportawh lill-korp

kompetenti qabel ma jbigħu jew jikru l-proprjetà;

- (9) reġimi ta' responsabbiltà adegwati għandhom jiġu stabbiliti f'każ ta' nuqqas ta' konformità.

Il-korp nazzjonali kompetenti għandu jippubblika lista ta' operaturi ċċertifikati, kif imsemmi fil-punt (2) tal-ewwel paragrafu.

NOTA SPJEGATTIVA

Skont l-aħħar data xjentifika disponibbli (The Lancet, Ottubru 2020), l-għadd ta' mwiet annwali relatati mal-asbestos fl-EU28 laħaq id-90 730 fl-2019. L-asbestos kien u għadu wieħed mill-karċinoġeni okkupazzjonali ewlenin. Aktar minn 300 000 ċittadin huma mistennija jmutu minħabba l-mesoteljoma sal-2030 fl-UE, u l-maġġoranza l-kbira tal-każijiet mistennija jirriżultaw minn esponiment okkupazzjonali għall-asbestos. L-asbestos għadu fil-biċċa l-kbira preżenti fil-bini u fl-infrastruttura mibnija qabel l-2005 meta l-UE fl-aħħar ipprojbiet l-asbestos. L-esponiment għadu jseħħ fost il-forza tax-xogħol tal-UE, speċjalment – għalkemm mhux biss – fis-settur tal-kostruzzjoni.

Il-Patt Ekoloġiku flimkien mal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni l-għdida se jagħti bidu għar-rinnovazzjoni tal-enerġija ta' miljuni ta' binjiet fl-UE. Ħitan tal-konkrit, artijiet, soqfa, bjut, pajpijiet, iżolament u ħafna aktar materjali prodotti qabel il-projbizzjoni tal-asbestos jista' jkun fihom fibri tal-asbestos perikolużi ħafna. Bil-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, l-UE u l-Istati Membri għandhom opportunità li jqisu n-natura trasversali tat-tneħħida għas-saħħa tal-asbestos u li jiżguraw li t-tneħħija tal-asbestos issir bl-aktar mod effiċjenti, f'termini ta' saħħa u sikurezza tal-bniedem kif ukoll fir-rigward tal-organizzazzjoni u l-finanzi.

Ir-rapport jipproponi li tiġi żviluppata Strateġija Ewropea komprensiva għat-Tneħħija tal-Asbestos Kollu (ESRAA) fl-UE, billi jintużaw is-sinerġiji ta' diversi oqsma ta' politika biex l-asbestos jitneħħa b'mod sikur mill-ambjent mibni darba għal dejjem u b'hekk jiġu protetti l-ħaddiema u ċ-ċittadini issa u fil-futur. Dawn l-oqsma ta' politika jkopru l-Patt Ekoloġiku flimkien mal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni tal-Bini, l-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (EPSR), il-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer, il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) tal-UE u l-Pjan ta' Rkupru, il-Qafas Strateġiku l-Għdid tal-UE għas-Saħħa u s-Sikurezza Okkupazzjonali u r-reviżjoni tad-Direttiva 2009/148/KE dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol, u l-Pjan ta' Azzjoni għal Ekonomija Ċirkolari fejn jindirizza l-kostruzzjoni u l-bini.

Ir-rapport ifittex li jipprovdi rakkomandazzjonijiet għal diversi elementi ewlenin li għandhom jiġu inklużi f'ESRAA.

Direttiva qafas Ewropea għall-istrateġiji nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos, inklużi l-valutazzjoni tal-asbestos eżistenti fl-ambjent tal-bini, skedi ta' żmien ċari u stadji importanti għat-tneħħija sikura tiegħu, standards minimi għar-reġistri diġitali pubbliċi tal-asbestos li jirreġistraw l-asbestos eżistenti kollu f'pajjiż jew reġjun, kampanji ta' informazzjoni pubblika u qafas finanzjarju għall-appoġġ tas-sidien tal-bini, ir-rimi sikur u ddokumentat tal-iskart tal-asbestos, u kontrolli u miżuri ta' infurzar xierqa bħal spezzjonijiet tax-xogħol imsaħħa, għandhom jistabbilixxu l-qafas għal ESRAA. Ir-reġistri tal-asbestos għandhom ikunu aċċessibbli għall-ħaddiema u l-kumpaniji, is-sidien, l-abitanti u l-utenti tal-bini u għandhom jiġu aġġornati regolarment. Ir-reġistrazzjoni tal-asbestos fl-ambjent mibni hija element importanti anke għall-ekonomija ċirkolari u l-istrateġija tal-iskart, u għal dan l-identifikazzjoni, ir-reġistrazzjoni, u r-rimi ddokumentat ta' materjali perikolużi huma essenzjali.

Ir-riskji għas-saħħa li jirriżultaw mill-asbestos jikkonċernaw il-ħaddiema, iżda wkoll l-abitanti, l-utenti u l-persuni li jgħixu fl-inħawi ta' bini jew infrastruttura kkontaminati. Id-Direttiva 2009/148/KE ("id-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol") stabbiliet l-istandards minimi Ewropej biex jittieħdu miżuri biex tiġi żgurata l-protezzjoni tal-ħaddiema waqt li jkunu involuti f'ċerti attivitajiet bħal twaqqigħ, xogħol tat-tneħħija tal-asbestos, tiswiġa u

manutenzjoni. Wara 12-il sena mill-aħħar reviżjoni tagħha, xi aspetti tad-Direttiva ma għadhomx validi u ma għadhomx aktar konformi mal-aħħar għarfien xjentifiku u l-ogħla livell ta' żvilupp tekniku. Id-Direttiva għandha tiġi aġġornata rigward xi wħud mir-rekwiżiti proċedurali u tekniċi, tistabbilixxi kundizzjonijiet ekwi Ewropej aħjar għat-taħriġ tal-ħaddiema u l-kompetenza tal-kumpaniji, u tbaxxi l-limitu ta' esponiment okkupazzjonali f'konformità mal-aħħar għarfien disponibbli mir-riċerka medika xjentifika.

Il-vittmi tal-mard okkupazzjonali relatat mal-asbestos jeħtiġilhom ijiġu rikonoxxuti b'mod rapidu u mhux burokratiku u b'kumpens adegwat. Il-mard okkupazzjonali huwa dejjem marbut direttament ma' post tax-xogħol u attivit ta' speċifiċi, u d-dritt għar-rikonoxximent u għall-kumpens għandu għalhekk ikun element integrali tal-protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiem. Barra minn hekk, il-livell għoli u li qed jiżdied tal-mobilit tal-forza tax-xogħol b'rabta mal-perjodi twal ta' dewmien tal-mard relatat mal-asbestos jagħmlu din il-kwistjoni waħda ta' tħassib Ewropew. Leġiżlazzjoni għdida bi standards minimi Ewropej għar-rikonoxximent u għall-kumpens adegwat tal-mard okkupazzjonali, inkluż il-mard kollu magħruf relatat mal-asbestos, għandha tgħin lill-ħaddiema li jbatu minn xi marda. Ir-rapport jipproponi li tiġi aġġornata r-rakkomandazzjoni tad-19 ta' Settembru 2003 dwar l-iskeda Ewropea tal-mard okkupazzjonali u li din tintuża bħala bażi materjali għal direttiva għdida, li għandha, fost l-oħrajn, tinkludi elementi bħar-reviżjoni tal-oneru tal-provi fil-proċeduri ta' rikonoxximent, l-istabbiliment ta' punti uniċi ta' servizz nazzjonali għall-kwistjonijiet kollha dwar il-mard okkupazzjonali, u ombudspersons biex jgħinu lill-ħaddiema affettwati fil-proċeduri ta' rikonoxximent.

Id-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija 2010/31/UE tistabbilixxi l-qafas għar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija u għandha tinforza wkoll ir-rekwiżit għall-iskrinjar obligatorju u t-tneħħija sussegwenti tal-asbestos u ta' sustanzi perikolużi oħra qabel ma jibdew ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni. Ir-rapport jagħmel proposta għal emenda mmirata f'dan ir-rigward.

Obbligu għas-sidien tal-bini li jikkummissjonaw skrinjar tal-bini biex isibu u jidentifikaw materjali li fihom l-asbestos qabel ma jinbiegħ jew jinkera l-bini huwa punt importanti biex jiġu stabbiliti ċertifikati tal-asbestos li għandhom jiddaħħlu fir-reġistri pubbliċi tal-asbestos, ikunu disponibbli għall-ħaddiema involuti f'xogħlijiet ta' rinnovazzjoni jew twaqqiġ, kif ukoll jipproteġu lix-xerrejja u lill-inkwilini kemm minn perikli għas-saħħa u s-sikurezza tagħhom kif ukoll finanzjarjament. Ir-rapport jitlob li ssir proposta leġiżlattiva għal skrinjar obligatorju qabel ma jsir bejgħ jew kiri ta' bini u li jiġu stabbiliti ċertifikati tal-asbestos għall-bini mibni qabel l-2005. Peress li l-asbestos huwa problema li tintiret li taffettwa lis-soċjet Ewropea kollha kemm hi, is-sidien tal-bini involuti fit-tneħħija tal-asbestos għandhom jirċievu appoġġ adegwat bil-finanzjament li jsir disponibbli kemm mill-fondi Ewropej kif ukoll minn daww nazzjonali.

15.7.2021

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AMBJENT, IS-SAĦĦA PUBBLIKA U S-SIKUREZZA TAL-IKEL

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

b'rakkomandazzjonijiet lill-Kummissjoni dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos (2019/2182(INL))

Rapporteur għal opinjoni: Manuel Bompard

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

PA_INL

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Ambjent, is-Saħħa Pubblika u s-Sikurezza tal-Ikel jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli:

- biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal rizzoluzzjoni tiegħu:
- A. billi għandu jiġi stabbilit qafas finanzjarju, ibbażat fuq l-użu tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment tal-Unjoni, biex jappoġġja lis-sidien tal-bini u l-irbit tat-tneħħija tal-asbestos ma' politiki u programmi pubbliċi oħra (bħall-effiċjenza fl-enerġija, it-titjib fl-ambjent tal-għajxien u l-akkomodazzjoni soċjali) għal raġunijiet ta' effiċjenza u l-użu ta' sinerġiji;
- B. billi l-Artikolu 37 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea jirrikjedi li livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u t-titjib tal-kwalità tiegħu jkunu integrati fil-politiki tal-Unjoni u għandhom jiġu żgurati f'konformità mal-prinċipju tal-iżvilupp sostenibbli;
- C. billi, skont l-Artikolu 191(1) tat-TFUE, il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-oġġettivi; bħall-protezzjoni tas-saħħa taċ-ċittadini tagħha, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent, il-promozzjoni tal-użu prudenti u razzjonali ta' riżorsi naturali, u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jiġu trattati problemi ambjentali reġjonali jew dinjija;
- D. billi, skont l-Artikolu 191(2) tat-TFUE, il-politika tal-Unjoni dwar l-ambjent għandha tkun ibbażata fuq il-prinċipju tal-prekawzjoni u fuq il-prinċipji li għandha tittieħed azzjoni preventiva, li l-ħsara lill-ambjent għandha, bħala prijorità, tissewwa fras il-għajn u li min iniġġes iħallas;
- E. billi d-dritt għal ambjent sigur, nadif, f'saħħtu u sostenibbli qed isir rikonoxxut b'mod universali hekk kif l-għadd ta' stati li jirrikonoxxu dan id-dritt kiber matul l-aħħar ftit

snin u issa hemm aktar minn 155 pajjiż li jirrikonoxxu dak id-dritt, jew elementi ta' dak id-dritt, fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom;

1. Ifakkar li l-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali jitlob livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali tal-ħaddiema, inkluż l-esponiment għall-karċinoġeni u l-mutaġeni fuq il-post tax-xogħol; jisħaq li l-Unjoni jeħtiġilha tiżgura d-dritt ta' kull persuna li tgħix fl-Unjoni għal ambjent nadif, f'saħħtu u sostenibbli; jenfasizza li l-Patt Ekoloġiku Ewropew jistabbilixxi l-ambizzjoni ta' tniġġis żero, li għandha tinkiseb permezz ta' strateġija trażversali biex tiġi protetta s-saħħa taċ-ċittadini mid-degradazzjoni ambjentali u t-tniġġis filwaqt li fl-istess ħin jitlob li ssir tranżizzjoni ġusta fejn ħadd ma jitħalla jibqa' lura; jissottolinja li l-Pjan ta' Azzjoni tal-Unjoni: "Lejn Tniġġis Żero għall-Arja, għall-Ilma u għall-Ħamrija" għandu l-għan li jnaqqas it-tniġġis "għal livelli li mhumiex aktar ta' ħsara għas-saħħa u għall-ekosistemi naturali u li jirrispettaw il-konfini li l-pjaneta tagħna tista' tlaħħaq magħhom, u b'hekk jinħoloq ambjent ħieles mis-sustanzi tossiċi";
2. Jenfasizza li l-Unjoni jeħtiġilha tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tal-politiki u l-attivitajiet kollha tal-Unjoni;
3. Ifakkar li l-asbestos għadu waħda mill-aktar sfidi sinifikanti għas-saħħa okkupazzjonali u li 125 miljun persuna madwar id-dinja ġew esposti għall-asbestos fuq il-post tax-xogħol¹, minkejja r-riskji tiegħu għas-saħħa li ilhom magħrufa għal għexieren ta' snin;
4. Jirrimarka li madwar 250 000 persuna jmutu kull sena minħabba l-esponiment għall-asbestos²; jirrimarka li, f'dawn l-aħħar snin, ir-rata ta' mwiet mill-fibri tal-asbestos saħansitra aċċellerat; jisħaq li l-gruppi vulnerabbli, li jbatu l-aktar minn dawn il-konsegwenzi għas-saħħa iżda li ħafna drabi jkollhom aċċess limitat għall-kura tas-saħħa, għandhom jiġu appoġġjati permezz ta' finanzjament iddedikat;
5. Ifakkar li l-Aġenzija Internazzjonali għar-Riċerka dwar il-Kanċer (IARC) irrikonoxxiet l-asbestos bħala karċinoġenu ppruvat (grupp 1) responsabbli għall-kanċer tal-pulmun u l-mesoteljoma kif ukoll għall-kanċer tal-larinġi u tal-ovarji; Jisħaq li t-tipi kollha ta' mard relatati mal-asbestos bħall-kanċer tal-pulmun u l-mesoteljoma plewrali – ikkawżati minn fibri tal-asbestos f'sospensjoni li jittieħdu bin-nifs, li tant huma rqaq li jilħqu l-alveoli u li huma twal biżżejjed biex jiżbqu d-daqs tal-makrofagi, kif ukoll tipi differenti ta' kanċer ikkawżati mhux biss mill-fibri fl-arja li jittieħdu bin-nifs ġew rikonoxxuti bħala periklu tas-saħħa u jistgħu jieħdu ħafna deċennji, u f'ċerti każijiet aktar minn 40 sena, biex isiru evidenti; jisħaq li l-asbestos huwa karċinoġenu mingħajr limitu, jiġifieri kull livell ta' esponiment, ikun kemm ikun baxx, jinvolvi riskju li jiżviluppa kanċer; jissottolinja li r-riċerka dwar kanċers oħra kkawżati mill-asbestos għandha tiġi promossa;
6. Ifakkar li minbarra l-esponiment attiv, kontinwu jew mhux kontinwu ta' ħaddiema għall-asbestos, hemm ukoll esponimenti okkupazzjonali passivi li jikkonċernaw lill-

¹ WHO, Asbestos: elimination of asbestos-related diseases (Asbestos: l-eliminazzjoni ta' mard relatat mal-asbestos), 2018.

² Furuya, Sugio; Chimed-Ochir, Odgerel; Takahashi, Ken; David, Annette; Takala, Jukka. 2018. "Global Asbestos Disaster" (Id-diżastru globali tal-asbestos) *Int. J. Environ. Res. Public Health* 15, Nru 5: 1000. <https://doi.org/10.3390/ijerph15051000>

persuni li jaħdmu fil-viċinanza ta' hađdiema involuti fl-asbestos;

7. Jenfasizza l-eżistenza ta' tipi differenti ta' esponiment mhux okkupazzjonali għall-asbestos, b'konsegwenzi potenzjalment sinifikanti fuq is-saħħa tal-bniedem, kemm jekk ikunu ta' oriġini paraokkupazzjonali (inkluż esponiment għat-trab tal-asbestos miġjub id-dar mill-hađdiema), domestika (inkluża l-preżenza ta' oġġetti tad-dar li fihom l-asbestos) jew ambjentali (b'materjali eżistenti f'bini u installazzjonijiet jew ta' oriġini industrijali);
8. jirrimarka li skont studji reċenti, l-esponiment mhux okkupazzjonali għall-asbestos jista' jkun ir-raġuni għal madwar 20 % tal-mesoteljomi f'pajjiżi industrijalizzati³;
9. Ifakkar fi studju tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO)⁴ li jiddeskrivi żieda sostanzjali fir-riskju ta' kanċer tal-pulmun minħabba l-esponiment fl-istess ħin għad-duħħan tat-tabakk u l-fibri tal-asbestos; jistieden lill-Istati Membri jipproponu programm ta' waqfien mit-tipjip għall-hađdiema kollha esposti għall-asbestos; itenni li t-tipjip m'għandu qatt ikun raġuni biex hađdiem jiġi eskluż mir-rikonossiment ta' marda okkupazzjonali relatata mal-asbestos, kif ukoll minn kumpens u trattament mediku għall-marda;
10. Ifakkar li l-mard tal-asbestos ġie osservat f'popolazzjonijiet li jgħixu jew li għexu qrib siti industrijali jew bini b'asbestos li jifarrak malajr, inklużi popolazzjonijiet li jgħixu qrib siti tal-konstruzzjoni, infrastrutturi ferrovjarji, tarzni u impjanti tal-enerġija, u xi kultant aktar minn tletin sena wara l-esponiment dirett jew indirett; jenfasizza li d-deterjorament tal-istokk tal-bini fl-Unjoni jżid ir-riskju ta' esponiment ambjentali li jista', b'mod partikolari, iwassal għal aktar każijiet ta' mesoteljoma;
11. Jissottolinja li r-riskji li jirriżultaw minn popolazzjonijiet esposti għal materjali tal-asbestos li jseħħu b'mod naturali huwa wkoll qasam fejn hemm bżonn informazzjoni;
12. Jirrimarka li, minkejja d-diffikultà li jiġi vvalutat b'mod preċiż, ħafna studji għandhom it-tendenza li juru sottovalutazzjoni tal-esponiment ambjentali għall-asbestos^{5 6}; ifakkar li, skont is-sors tal-esponiment, il-livelli ta' esponiment ambjentali għall-asbestos jistgħu jilhqqu l-livelli ta' esponiment okkupazzjonali⁷; ihegġegħ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex f'dan ir-rigward jappoġġjaw ir-riċerka dwar ir-riskji relatati ma' tali

³ [The health impact of nonoccupational exposure to asbestos: what do we know?](#) (L-impatt fuq is-saħħa tal-esponiment mhux okkupazzjonali għall-asbestos: x'nafu?) ([Nih.gov](#))

⁴ WHO, Asbestos: elimination of asbestos-related diseases (Asbestos: l-eliminazzjoni ta' mard relatat mal-asbestos), 2018, DG Impjiegi, Affarijiet Soċjali u Inklużjoni, Evalwazzjoni tal-implimentazzjoni Prattika tad-direttivi tal-UE dwar is-saħħa u s-sikurezza okkupazzjonali (OSH) fl-Istati Membri tal-UE.

⁵ Krówczyńska M, Wilk E. Environmental and Occupational Exposure to Asbestos as a Result of Consumption and Use in Poland (Esponiment Ambjentali u Okkupazzjonali għall-Asbestos Minħabba l-Konsum u l-Użu fil-Polonja). Int J Environ Res Public Health. 2019;16(14):2611. Ippubblikat fit-22 ta' Lulju 2019. doi:10.3390/ijerph16142611

⁶ Agence nationale de sécurité sanitaire de l'alimentation, de l'environnement et du travail (L-Aġenzija Nazzjonali għas-Sigurtà Sanitarja tal-Ikel, tal-Ambjent u tax-Xogħol) (2016), L'amiante : Présentation, effets sanitaires, expositions et cadre réglementaire (L-Asbestos: Preżentazzjoni, effetti fuq is-saħħa, esponimenti u qafas regolatorju) (<https://www.anses.fr/fr/content/1%E2%80%99amiante>)

⁷ Haute autorité de Santé (L-Awtorità Għolja għas-Saħħa) (2009), Exposition environnementale à l'amiante: état des données et conduite à tenir (Esponiment ambjentali għall-asbestos: l-istat tad-data u l-azzjoni li għandha tittieħed) (https://www.has-sante.fr/jcms/pprd_2986129/en/home)

mogħdijiet ta' esponiment għall-asbestos ambjentali;

13. Iqis li l-esponiment għall-asbestos huwa forma ta' inugwaljanza ambjentali u tas-saħħa li trawwem sentimenti ta' inġustizzja u li "jitħallew lura" fost il-gruppi vulnerabbli, b'mod partikolari f'pajjiżi li m'għandhom skemi ta' prevenzjoni jew ta' appoġġ għall-vittmi, iżda mhux limitati għalihom;
14. Jistieden lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent twettaq aktar riċerka dwar il-preżenza tal-asbestos fix-xmajjar u fit-tributarji ta' madwarhom, u l-effetti tiegħu fuq il-veġetazzjoni u l-organiżmi selvaġġi, bħal dik imwettqa mill-US Environmental Protection Agency^{8 9};
15. Jisħaq li l-livelli ta' konċentrazzjoni fl-isfond tal-asbestos fl-atmosfera għandhom jiġu mmonitorjati u mkejla madwar l-Istati Membri kollha;
16. Jistieden lill-Kummissjoni tippreżenta strateġija Ewropea għat-tneħħija sħiħa tal-asbestos; jistieden lill-Istati Membri kollha jadottaw pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali biex jimplimentaw dik l-istrateġija b'mezzi finanzjarji u pjanijiet direzzjonali speċifiċi fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali; iqis li l-Kummissjoni għandha tiżgura l-koordinazzjoni tal-pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' direttiva qafas dwar din il-kwistjoni; jissottolinja f'dan il-kuntest il-ħtieġa ta' metodoloġija koerenti għall-valutazzjoni tar-riskju biex jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi;
17. Jistieden lill-Kummissjoni toħloq qafas Ewropew għar-reġistri pubbliċi biex tidentifika l-preżenza tal-asbestos fl-UE u pjattaforma tal-aħjar prattiki għat-tneħħija tal-asbestos; jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu stabbiliti reġistri pubbliċi relatati mal-asbestos u standards minimi relatati mal-implimentazzjoni tagħhom; ifakkar li dawn l-istandards minimi relatati mar-reġistri pubbliċi jeħtieġ li jkunu marbuta mal-politiki tas-saħħa u s-sikurezza u mar-regolamenti ambjentali u tas-saħħa pubblika;
18. Jinsisti li t-tranżizzjoni lejn Unjoni ħielsa mill-asbestos għandha tkun soċjalment ġusta, tevita l-frammentazzjoni tas-suq intern, u tinkludi appoġġ suffiċjenti u ffukat għas-sidien privati, l-impjegaturi, il-mikrointrapriżi u l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju fit-traspożizzjoni ta' dawn il-miżuri protettivi, sabiex tiġi ffaċilitata l-konformità xierqa; jinnota li dan l-approċċ għandu jkun immirat lejn oqsma ta' riskju partikolari, jew gruppi ta' persuni vulnerabbli; jenfasizza li l-prinċipju ta' min iniegħes iħallas għandu jitqies kemm jista' jkun fl-attribuzzjoni tal-ispiża tat-tneħħija tal-asbestos; ifakkar fl-importanza ta' appoġġ finanzjarju adegwat mill-fondi rilevanti eżistenti tal-Unjoni biex jiġi żgurat appoġġ xieraq u titħeġġeġ it-tneħħija korretta u sikura ta' kull asbestos li jinstab; jenfasizza li l-azzjonijiet biex tissaħħaħ il-prevenzjoni huma investimenti kbar fis-saħħa pubblika għal ħajjiet aktar f'saħħithom iżda wkoll għall-bilanċ bejn il-kostijiet u l-benefiċċji fil-ġestjoni tas-sistemi tal-kura tas-saħħa;
19. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu involuti bis-sħiħ is-sħab soċjali u partijiet ikkonċernati oħra, b'mod partikolari l-gruppi tal-vittmi tal-asbestos, fil-livelli tal-Unjoni, nazzjonali u

⁸ Washington State Department of Health (2009), Advisory for Swift Creek Naturally Occurring Asbestos

⁹ United States Environmental Protection Agency, Swift Creek (https://response.epa.gov/site/site_profile.aspx?site_id=3639)

reġjonali fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-Istrateġija Ewropea u l-pjanijiet nazzjonali;

20. Jirrimarka li t-tneħħija sikura tal-asbestos hija eżempju tal-prinċipju tas-saħħa fil-politiki kollha u hija direttament marbuta ma' inizjattivi ta' politika reċenti u futuri tal-Unjoni bħall-Patt Ekoloġiku Ewropew bil-"Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-bini tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajjiet", kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020 (Mewġa ta' Rinnovazzjoni) u l-"Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer", kif stabbilit fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-3 ta' Frar 2021; ifakkar li t-titjib fid-dijanjożi bikrija, it-trattamenti u r-riabilitazzjoni huma prijoritajiet tal-Pjan tal-Ewropa biex Jingħeleb il-Kanċer u għandhom ikunu ta' benefiċċju għall-pazjenti li jbatu minn mard relatat mal-asbestos;
21. Jinsisti fuq il-ħtieġa li titwettaq sorveljanza epidemjoloġika fit-tul biex tiġi vvalutata l-effikaċja tal-miżuri meħuda; jenfasizza li l-mesoteljoma hija marda li l-fattur ta' riskju ewlieni tagħha huwa l-asbestos u li l-għadd ta' mesoteljomi dijanjostikati huwa indikatur rilevanti għas-sorveljanza epidemjoloġika; jitlob għalhekk li d-dikjarazzjoni tal-mesoteljoma lill-awtoritajiet kompetenti ssir obligatorja;
22. Jirrikonoxxi r-rakkomandazzjonijiet tad-WHO¹⁰ li mhuwiex meħtieġ li l-fibri tal-asbestos jiġu inklużi fl-Anness I tad-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb¹¹; li kkonkludew li l-fibri tal-asbestos fl-ilma tax-xorb mhumiex ta' tħassib għas-saħħa; ifakkar li studju mwettaq minn xjenzati Taljani qajjem il-kwistjoni importanti ta' jekk l-inġestjoni tal-ilma li fih il-fibri tal-asbestos iżżidx ir-riskju ta' kanċers gastrici u kolorettali¹²; jenfasizza li mard potenzjali relatat mal-asbestos possibbilment ikkawżat mill-inġestjoni ta' ilma li jkun fih fibri bħal dawn li joriġinaw minn pajpijiet tal-asbestos jista' jieħu diversi deċennji biex isir evidenti; jišhaq li, anki jekk dan l-istudju Taljan waħdu ma jistax jagħmilha possibbli li jiġi konkluż b'mod definittiv, f'dan l-istadju, jekk hemmx rabta bejn l-inġestjoni ta' asbestos permezz tal-ilma u l-iżvilupp ta' kanċers fil-passaġġ gastrointestinali, il-prinċipju ta' prekawzjoni għandu japplika minħabba l-inċertezzi involuti; iqis li għandha titwettaq aktar riċerka dwar din il-kwistjoni importanti; jistieden lill-Istati Membri, għalhekk, biex iwettqu monitoraġġ regolari tal-kwalità tal-ilma użata għall-astrazzjoni tal-ilma tax-xorb u jieħdu l-miżuri preventivi u ta' mitigazzjoni meħtieġa f'każ li jkun hemm riskju għas-saħħa tal-bniedem;
23. Jinsab imħasseb dwar l-istat tan-network tad-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb fl-Unjoni u l-preżenza ta' pajpijiet tas-siment bl-asbestos, li d-deterjorament tagħhom jerħi fibri tal-asbestos fl-ilma; ifakkar ukoll li f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-WHO, il-pajpijiet tas-siment tal-asbestos ma għandhomx jibqgħu jintużaw jew jiġu approvati għall-ilma tax-xorb¹³; iqis li, fil-qafas tal-Istrateġija Ewropea għat-tneħħija kompleta tal-asbestos, u permezz tal-Pjan Ewropew ta' Rkupru u dawk tal-Istati Membri, għandu

¹⁰ WHO, L-uffiċċju reġjonali għall-Ewropa, Proġett ta' Kooperazzjoni dwar il-Parametri tal-Ilma tax-Xorb "Appoġġ għar-reviżjoni tal-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE dwar il-Kwalità tal-Ilma Maħsub għall-Konsum mill-Bniedem (id-Direttiva dwar l-Ilma tax-Xorb)", Rakkomandazzjonijiet 2017.

¹¹ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità tal-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem (ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32).

¹² Agostino Di Ciaula, Valerio Gennaro. Rischio clinico da ingestione di fibre di amianto in acqua potabile (Riskju kliniku ta' inġestjoni tal-fibri tal-asbestos fl-ilma tax-xorb). Epidemiologia&Prevenzione, <https://epiprev.it/3608>

¹³ https://ec.europa.eu/environment/water/water-drink/pdf/20171215_EC_project_report_final_corrected.pdf - punt 13.1

jiġi stabbilit u implimentat pjan komprensiv għar-rinnovazzjoni u t-tneħħija tal-asbestos għan-network Ewropew għad-distribuzzjoni tal-ilma tax-xorb;

24. Jilqa' l-opportunità ppreżentata mill-Mewġa ta' Rinnovazzjoni għat-tneħħija kompleta tal-asbestos mill-bini;
25. Ifakkar fiż-żieda antiċipata fix-xogħol ta' kostruzzjoni fid-dawl tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni li se tkun akkumpanjata minn esponiment okkupazzjonali u ambjentali akbar għall-fibri tal-asbestos; jenfasizza l-ħtieġa li l-asbestos jiġi sostitwit b'materjali effiċjenti fl-użu tal-enerġija fil-kuntest tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni;
26. Jisħaq li, peress li d-domanda għal xogħol relatat mal-asbestos x'aktarx li tikber b'mod sinifikanti bil-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, hemm ħtieġa kruċjali li jiġu appoġġjati r-riċerka u l-iżvilupp biex jiġi żgurat l-oġġla livell possibbli ta' protezzjoni għall-ħaddiema u għall-popolazzjoni lokali esposti għall-asbestos matul l-operazzjonijiet ta' riabilitazzjoni u twaqqiġ, u biex jittejbu l-affidabbiltà u l-veloċità tal-iskrinjar, il-kejl, it-tneħħija u l-ġestjoni sikura tal-iskart tal-asbestos;
27. jinsab imħasseb li proporzjon kbir ta' skejjel pubbliċi mibnija qabel l-2005 jew is-sena tal-projbizzjoni nazzjonali tal-asbestos għad fihom l-asbestos, li joħloq riskju ta' esponiment għat-tfal jew l-istudenti u l-persunal tal-iskola; iħeġġeġ li jsir ċensiment tal-iskejjel bl-asbestos fl-Istati Membri kollha u li r-rinnovazzjoni tal-bini tal-iskejjel għalhekk titqies bħala prijorità;
28. Ifakkar li, minkejja l-projbizzjoni fuq l-użu tal-asbestos, din għadha tinstab f'ħafna prodotti tal-ħajja ta' kuljum li għadhom jintużaw, kif ukoll f'ħafna vapuri, ferroviji, makkinarju, bunkers, mini, galleriji, pajpijiet f'networks pubbliċi u privati ta' distribuzzjoni tal-ilma u speċjalment fil-bini, inklużi ħafna binjiet pubbliċi u privati;
29. Ifakkar li hija meħtieġa aktar informazzjoni rigward l-esponiment tal-popolazzjoni permezz ta' kuntatt ma' prodotti kummerċjali li fihom l-asbestos, bħal materjali tad-djar u d-disturb tagħhom permezz ta' attività normali;
30. Jisħaq li kundizzjonijiet tax-xogħol mhux sikuri għall-ħaddiema jistgħu jesponu lis-soċjetà kollha kemm hi għal riskji ta' esponiment għall-asbestos, b'mod partikolari l-familji tal-ħaddiema kkonċernati, speċjalment fil-manutenzjoni tal-ħwejjeġ tax-xogħol; jinsisti, għalhekk, dwar il-ħtieġa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema, b'mod partikolari billi jipprovdulhom tagħmir protettiv adegwat u jipprevjenu l-esponiment tal-qraba tagħhom għall-asbestos preżenti fuq il-ħwejjeġ u l-għodda tax-xogħol, b'mod partikolari permezz ta' proċeduri ta' dekontaminazzjoni xierqa;
31. Jistieden lill-Istati Membri jtejbu l-għadd, il-frekwenza u l-kwalità tal-ispezzjonijiet tagħhom; iqis li l-Unjoni u l-Istati Membri għandhom imorru lil hinn sew mill-objettiv minimu tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO) ta' spettur wieħed għal kull 10 000 ħaddiem;
32. Jisħaq li xi ħaddiema huma ħafna aktar esposti għall-asbestos minn oħrajn, u li din is-sitwazzjoni ta' inugwaljanza ambjentali ssaħħaħ l-inugwaljanzi ekonomiċi diġà eżistenti; jisħaq b'mod partikolari li l-ħaddiema tal-kostruzzjoni huma esposti ħafna għall-asbestos; jissottolinja li, f'każ ta' nar, l-informazzjoni kollha eżistenti dwar il-

preżenza u l-post tal-asbestos għandha tiġi kondiviżja mal-ħaddiema tat-tifi tan-nar;

33. Jistieden lill-Istati Membri jikkondividu l-aħjar Prattiki dwar il-protezzjoni ta' persuni li jirrapportaw il-preżenza tal-asbestos, kemm jekk permezz ta' kanali ta' rapportar interni kif ukoll dawk esterni;
34. Jisħaq li n-nisa huma esposti wkoll għal riskji relatati mal-asbestos u li n-nisa huma partikolarment vulnerabbli għal ċertu tip ta' esponiment għall-asbestos^{14 15 16}, inkluż fil-ħajja tax-xogħol tagħhom^{17 18}; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta jekk hemmx bżonn li tiġi riveduta l-leġiżlazzjoni rilevanti biex in-nisa jiġu protetti aħjar mill-esponiment għall-asbestos¹⁹;
35. Iqis li ċ-ċittadini għandhom jirċievu protezzjoni ugwali mill-esponiment għall-asbestos fl-ispazji tal-għajxien tagħhom; iħeġġeġ lill-Kummissjoni f'dan ir-rigward biex tiżgura l-protezzjoni taċ-ċittadini kollha billi tintroduċi skrinjar regolari u valuri ta' limitu ta' esponiment għall-asbestos fi spazji tal-għajxien;
36. Jistieden lill-Kummissjoni taġġorna, sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2022, id-Direttiva dwar l-Asbestos fuq ix-Xogħol²⁰ bil-ħsieb li temenda l-valur ta' limitu vinkolanti eżistenti ta' esponiment fuq ix-xogħol għall-asbestos, filwaqt li tqis l-aħħar għarfien xjentifiku u żviluppi tekniċi, inkluża evalwazzjoni ta' tipi differenti ta' fibri tal-asbestos u l-effetti negattivi tagħhom fuq is-saħħa, kif ukoll tibda l-proċess għall-aġġornament tal-lista ta' silikati fibrużi fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva u, f'dan il-kuntest, tikkunsidra l-inklużjoni tal-winchite, ir-richterite, il-fluoro-edenite, u l-erionite fil-lista li diġà tkopri l-actinolite, il-grunerite, l-anthophyllite, il-chrysotile, il-crocidotile u t-tremolite;
37. Iqis il-ħtieġa urġenti ta' aċċess effettiv għall-ġustizzja u rimedju għall-ħsara kollha għas-

¹⁴ Panou, V. et al. Non-occupational exposure to asbestos is the main cause of malignant mesothelioma in women in North Jutland, Denmark (L-esponiment mhux okkupazzjonali huwa l-kawża ewlenija tal-mesoteljoma malinna fin-nisa f'Jutland tat-Tramuntana, id-Danimarka). *Scandinavian Journal of Work, Environment & Health* doi:10.5271/sjweh.3756 http://www.sjweh.fi/show_abstract.php?abstract_id=3756

¹⁵ Michaela Senek, Angela Tod, Steven Robertson. The gendered Experience of mesothelioma study (GEMS): findings from a survey data analysis (L-esperjenza bbażata fuq il-ġeneri tal-istudju dwar il-mesoteljoma: sejbiet minn analiżi tad-data tal-istħarriġ). *European Respiratory Journal* Sett 2020, 56 (suppl 64) 1684; Dipartiment tal-Infurmazzjoni (DOI) 10.1183/13993003.congress-2020.1684

¹⁶ Vasiliki Panou, Ulla Moller Weinreich, Jens Bak, Mogens Vyberg, Christos Meristoudis, Oyvind Omland, Oluf Dimitri Roe, Johnni Hansen. Gender differences in asbestos exposure and disease location in 327 patients with mesothelioma (Differenzi bejn il-ġeneri fl-esponiment għall-asbestos u l-lokalizzazzjoni tal-mard fi 327 pazjent bil-mesoteljoma). *European Respiratory Journal* Sett 2017, 50 (suppl 61) PA4294; Dipartiment tal-Infurmazzjoni (DOI) 10.1183/1393003.congress-2017.PA4294

¹⁷ Marinaccio A, Corfiati M, Binazzi A ReNaM Working Group, et al The epidemiology of malignant mesothelioma in women: gender differences and modalities of asbestos exposure *Occupational and Environmental Medicine* (L-Epidemjoloġija tal-mesoteljoma malinna fin-nisa: id-differenzi bejn il-ġeneri u l-modalitajiet tal-esponiment għall-asbestos *Mediċina Okkupazzjonali u Ambjentali*) 2018;75:254-262.

¹⁸ Camargo MC, Stayner LT, Straif K, et al. Occupational exposure to asbestos and ovarian cancer: a meta-analysis (Esponiment okkupazzjonali għall-asbestos u l-kanċer tal-ovarji: metaanaliżi). *Environ Health Perspect*. 2011;119(9):1211-1217. doi:10.1289/ehp.1003283

¹⁹ Id-Direttiva tal-Kunsill 92/85/KEE tad-19 ta' Ottubru 1992 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri biex jinkoraġġixxu t-titjib fis-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol għall-ħaddiema nisa tqal u ħaddiema li welldu reċentement, jew li qed iredgħu (ĠU L 348, 28.11.92, p. 1)

²⁰ Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28–36).

- saħħa, mhux biss dik relatata mal-ansjetà, għall-vittmi kollha tal-asbestos; jenfasizza li l-ispejjeż mediċi kollha relatati mal-esponiment għall-asbestos għandhom jiġu koperti mill-impjegaturi meta dawn ikunu naqsu milli jieħdu l-miżuri xierqa kollha u jagħmlu sforzi fil-limiti tas-setgħat tagħhom biex jipprevjenu l-esponiment għall-asbestos; jistieden lill-Kummissjoni tivvaluta l-ħtieġa possibbli ta' leġiżlazzjoni li tistabbilixxi reġim ta' responsabbiltà ġenerali għal tniġġis imxerred biex tipprovdi kumpens lill-vittmi għad-danni kollha mit-tniġġis imxerred, inklużi dawk ikkawżati mill-asbestos;
38. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja t-tixrid ta' informazzjoni dwar id-diversi sistemi għat-tneħħija jew ir-rimi b'mod sikur u ordnat tal-prodotti tal-asbestos abbażi tal-aħjar tekniki disponibbli;
 39. Jisħaq li r-rimi tal-iskart tal-asbestos fil-landfills huwa soluzzjoni għal żmien qasir, li tista' twassal għar-rilaxx ta' fibri tal-asbestos fl-ambjent għad-detriment tas-saħħa pubblika;
 40. Jenfasizza l-ħtieġa li t-trattament tal-iskart tal-asbestos u l-immaniġġjar, it-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri ta' din is-sustanza fi flussi ta' skart ikunu fil-qalba tal-istrateġija li għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni;
 41. Jenfasizza l-ħtieġa ta' sinerġiji bejn l-istrateġija li għandha tiġi żviluppata mill-Kummissjoni, l-oġettivi tal-ekonomija ċirkolari inkluża s-sistema tat-tikkettar u l-istrateġija għal ambjent mibni sostenibbli; jenfasizza wkoll il-ħtieġa li jinħolqu sinerġiji bejn l-istrateġija u inizjattivi eżistenti dwar l-iżvilupp ta' bażi ta' għarfien fir-rigward tas-sostituzzjoni ta' sustanzi perikolużi ta' tħassib;
 42. Ifakkar fil-ħtieġa ta' trasparenza fir-rigward tal-preżenza u l-kompożizzjoni ta' fibri tal-asbestos fi flussi ta' skart bil-għan li jittejjbu t-tekniki ta' żarmar u dekontaminazzjoni sabiex jiġi ffaċilitat l-irkupru tal-iskart; iħeġġeġ il-ħolqien ta' sinerġiji mal-bażi tad-data li qed tiġi stabbilita mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi biex tiġbor informazzjoni u ttejjeb l-għarfien dwar sustanzi ta' tħassib fi prodotti u fi prodotti meta jsiru skart;
 43. Ifakkar fil-ħtieġa ta' ċirkolarità akbar fis-settur tal-kostruzzjoni u l-importanza li jiġi evitat li l-iskart tal-asbestos jidħol fl-ekonomija ċirkolari; jinsisti fuq il-ħtieġa li tiġi żgurata d-disponibbiltà ta' faċilitajiet tal-iskart adegwati għar-rimi sikur u sostenibbli ta' materjali tal-asbestos;
 44. Jisħaq li l-iskart tal-asbestos għandu jsir inert qabel ir-rimi tiegħu li ma jagħmilx ħsara lill-ambjent u jistieden lill-Kummissjoni tippromwovi reviżjoni korrispondenti tal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE dwar l-iskart;
 45. Jenfasizza li l-ġestjoni tal-iskart tal-asbestos hija sfida ta' sinifikat strateġiku għall-Unjoni minħabba l-ammont ta' asbestos li għad irid jitneħħa u li diġà jinsab fil-landfills; jenfasizza li t-trattamenti tal-asbestos għandhom japplikaw bis-siħ il-prinċipju ta' prekawzjoni;
 46. Jistieden lill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri, biex tippromwovi l-istabbiliment, madwar l-Unjoni kollha, ta' ċentri ta' trattament u ditossifikazzjoni tal-iskart li jkun fih l-asbestos, flimkien mat-tmiem gradwali ta' kull rimi f'miżbla ta' dan it-tip ta' skart; iħeġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jqisu l-għodod kollha biex

- jappoġġjaw ir-riċerka u l-investiment f'teknoloġiji ta' trattament inerti għall-iskart li fih l-asbestos;
47. Iqis li t-tneħħija organizzata u strutturata tal-asbestos tikkontribwixxi għall-oġġettivi tal-iżvilupp reġjonali u għalhekk għandha tkun appoġġjata bis-sħiħ mill-Fondi strutturali tal-Unjoni;
 48. Jenfasizza l-ħtieġa li l-Unjoni taħdem, f'fora internazzjonali, kontra r-rimi tal-asbestos f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;
 49. Iqis li l-qerda totali tal-asbestos li fadal u tal-prodotti kollha li fihom l-asbestos madwar id-dinja għandha tkun oġġettiv importanti tal-Unjoni;
 50. Jistieden lill-Unjoni taħdem mad-WHO, l-ILO, il-Programm tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ambjent, ma' organizzazzjonijiet internazzjonali oħra u ma' pajjiżi terzi u tiegħu l-miżuri kollha sabiex tikseb projbizzjoni globali fuq l-asbestos, tippromwovi livelli ogħla ta' protezzjoni tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol fuq livell globali, u ttejjeb l-informazzjoni u l-appoġġ għall-vittmi ta' mard relatat mal-asbestos; iħeġġeġ lill-Unjoni tiegħu inizjattivi mal-pajjiżi li jesportaw l-asbestos biex tagħlaq il-minjieri tal-asbestos; jenfasizza l-ħtieġa ta' kontrolli fuq l-importazzjoni ta' oġġetti minn pajjiżi terzi li għadhom jippermettu l-użu tal-asbestos u li l-iskart tal-asbestos m'għandux jiġi esportat lejn pajjiżi terzi;
 51. Ifakkar li terz tal-persuni fir-reġjun Ewropew tad-WHO jgħixu f'pajjiżi li għadhom ma pprojbixxux l-użu tal-forom kollha ta' asbestos²¹; jirrimarka li 16-il pajjiż Ewropew għadhom jużaw l-asbestos, b'mod partikolari bħala materjal tal-bini, u jkomplu jipproduċuh u jesportawh; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiegħu azzjoni deċiżiva fil-qafas tal-Politika tal-Viċinat biex tikseb il-projbizzjoni u l-qerda sħiħa tal-asbestos fil-kontinent Ewropew kollu u fil-pajjiżi b'kosta fuq il-Baħar Mediterran;
 52. Iħeġġeġ lill-Unjoni tikkunsidra bħala prijorità ewlenija u tiegħu l-inizjattivi kollha meħtieġa biex tinkludi l-asbestos krisotil fl-Anness III tal-Konvenzjoni ta' Rotterdam;
 53. Jenfasizza li sustanzi perikolużi pprojbiti fl-Unjoni, bħall-asbestos, m'għandhomx jiġu prodotti u użati minn impriżi tal-Unjoni li jinsabu f'pajjiżi terzi; iqis li l-adozzjoni ta' dmir ta' diliġenza fuq l-impriżi Ewropej tista' tkun strument adattat biex jiġi żgurat il-kontribut tal-impriżi Ewropej għall-qerda globali tal-asbestos u biex jiġi garantit l-aċċess għall-ġustizzja għall-vittmi minn pajjiżi terzi tal-mard relatat mal-asbestos; jistieden lill-Kunsill jagħti mandat lill-Kummissjoni biex tidħol f'negozjati dwar Trattat tan-NU dwar in-Negozju u d-Drittijiet tal-Bniedem, filwaqt li jqis l-isfruttament ta' sustanzi niġġiesa perikolużi bħall-asbestos;
- biex jinkorpora r-rakkomandazzjonijiet li ġejjin fl-anness tal-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:
1. L-iżvilupp ta' mudelli għad-detezzjoni, ir-reġistrazzjoni, il-monitoraġġ u l-kontroll tal-asbestos f'bini privat u pubbliku, fl-art, fl-infrastruttura, fil-faċilitajiet loġistiċi u fil-

²¹ <https://www.euro.who.int/en/media-centre/sections/press-releases/2015/04/at-least-one-in-three-europeans-can-be-exposed-to-asbestos-at-work-and-in-the-environment>

pajpijiet;

2. Id-definizzjoni ta' mudelli għall-monitoraġġ tal-fibri tal-asbestos sospiżi fl-arja f'postijiet tax-xogħol, ċentri ta' għajxien u landfills u żoni industrijali abbandunati u degradanti (art mitluqa) li għandhom jiġu riabilitati, u fibri preżenti fl-ilma tax-xorb fornut f'pajpijiet tas-siment tal-asbestos;
3. Ir-reġistrazzjoni tal-każijiet kollha ta' mesoteljoma;
4. L-iżvilupp ta' kampanji ta' informazzjoni għall-Unjoni kollha dwar l-asbestos biex tingħata informazzjoni rilevanti lill-ħaddiema u lill-familji tagħhom, lill-impjegaturi, lis-sidien, lill-inkwilini, lill-utenti tal-bini u l-infrastruttura, u liċ-ċittadini dwar ir-riskji, inkluż l-effett sinerġistiku tal-użu tat-tabakk u l-esponiment għall-asbestos, speċjalment dwar il-fatt tal-effetti tardivi u kumulattivi tiegħu fuq is-saħħa tal-bniedem, u l-miżuri ta' akkumpanjament eżistenti għat-tneħħija sikura tal-asbestos u l-obbli;
5. Il-promozzjoni tar-riċerka u l-integrazzjoni ta' pjan għall-Unjoni kollha fl-istrateġija li se tiġi żviluppata mill-Kummissjoni għat-trattament tal-iskart tal-asbestos u l-immaniġġjar, it-tneħħija u s-sostituzzjoni sikuri ta' din is-sustanza fi flussi ta' skart;
6. Il-ħolqien ta' ċentri għat-trattament u l-inerzja ta' skart li jkun fih l-asbestos billi jipprevedu t-tneħħija gradwali tar-rimi ta' skart bħal dan f'miżbliet u prattiki oħra ta' ħsara bħar-rimi tiegħu f'korpi tal-ilma;
7. L-iżvilupp ta' pjan strateġiku biex l-Unjoni żżid l-attività u l-influwenza tagħha fuq livell globali fir-rigward tal-ġlieda kontra r-rimi tal-asbestos f'pajjiżi li qed jiżviluppaw;
8. L-istabbiliment ta' qafas tal-Unjoni għall-istrateġiji nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos, inkluża proposta leġiżlattiva għar-reġistri pubbliċi u aċċessibbli tal-asbestos, bi standards minimi relatati mal-implimentazzjoni tagħhom, abbażi ta' ċertifikati tal-asbestos maħruġa wara l-iskrinjar tal-bini biex tiġi mmappjata l-lokazzjoni eżatta tal-asbestos f'siti pubbliċi u privati u li jipprovdi informazzjoni preċiża dwar il-landfills li fihom skart tal-asbestos sabiex jiġi evitat it-tixrid mhux ikkontrollat ta' fibri tal-asbestos fl-arja, l-ispostament involontarju tal-ħamrija li fiha hemm midfuna dawn il-materjali, u r-riskji assoċjati għas-saħħa taċ-ċittadini;
9. Pjan direzzjonali għall-istabbiliment ta' postijiet tax-xogħol u ambjent mingħajr asbestos, li jista' jistabbilixxi setturi prijoritarji, jinkludi appoġġ għat-tneħħija sikura, u perjodikament jevalwa kull ħames snin il-progress li jsir mill-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali;
10. Il-monitoraġġ, il-kejl u l-aċċess għall-informazzjoni fir-rigward tal-livelli ta' konċentrazzjoni fl-isfond tal-asbestos fl-atmosfera madwar l-Istati Membri kollha u l-introduzzjoni ta' valuri ta' limitu tal-esponiment għall-ispazji tal-għajxien.
11. L-identifikazzjoni ta' strumenti ta' finanzjament inklużi kemm fondi tal-Unjoni kif ukoll fondi nazzjonali għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija li għandha tiġi adottata mill-Kummissjoni.
12. Il-ħtieġa li jiġi inkluż mard relatat mal-asbestos bħala kwistjoni ewlenija fis-saħħa pubblika preventiva.

13. L-involviment attiv tas-sħab soċjali u partijiet kkonċernati oħra, bħall-gruppi tal-vittmi tal-asbestos, l-inkwilini u l-organizzazzjonijiet ambjentali, ir-rappreżentanti tas-servizzi tas-saħħa nazzjonali u r-rappreżentanti tal-operaturi fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni u l-evalwazzjoni tal-pjan direzzjonali għal postijiet tax-xogħol u ambjenti ħielsa mill-asbestos.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| | |
|---|---|
| Data tal-adozzjoni | 13.7.2021 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 77 -: 0 0: 1 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Bartosz Arłukowicz, Margrete Auken, Simona Baldassarre, Marek Paweł Balt, Traian Băsescu, Aurélie Beigneux, Monika Beňová, Sergio Berlato, Alexander Bernhuber, Malin Björk, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Pascal Canfin, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Nathalie Colin-Oesterlé, Esther de Lange, Christian Doleschal, Marco Dreosto, Bas Eickhout, Cyrus Engerer, Eleonora Evi, Agnès Evren, Pietro Fiocchi, Catherine Griset, Jytte Guteland, Teuvo Hakkarainen, Anja Hazekamp, Martin Hojsík, Pär Holmgren, Jan Huitema, Yannick Jadot, Adam Jarubas, Petros Kokkalis, Ewa Kopacz, Joanna Kopcińska, Peter Liese, Sylvia Limmer, Javi López, César Luena, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Joëlle Mélin, Tilly Metz, Giuseppe Milazzo, Dolors Montserrat, Alessandra Moretti, Dan-Ștefan Motreanu, Ville Niinistö, Ljudmila Novak, Grace O’Sullivan, Stanislav Polčák, Jessica Polfjård, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Sándor Rónai, Rob Rooken, Silvia Sardone, Christine Schneider, Günther Sidl, Linea Sjøgaard-Lidell, Nicolae Ștefănuță, Annalisa Tardino, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir, Petar Vitanov, Alexandr Vondra, Pernille Weiss, Emma Wiesner, Michal Wiezik, Tiemo Wölken, Anna Zalewska |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Manuel Bompard, Antoni Comín i Oliveres, Martin Häusling, Kateřina Konečná, Ulrike Müller |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET FIL-KUMITAT LI JINTALAB
JAGĦTI OPINJONI**

| 77 | + |
|------------|---|
| EPP | Bartosz Arłukowicz, Traian Băsescu, Alexander Bernhuber, Nathalie Colin-Oesterlé, Christian Doleschal, Agnès Evren, Adam Jarubas, Ewa Kopacz, Esther de Lange, Peter Liese, Fulvio Martusciello, Liudas Mažylis, Dolors Montserrat, Dan-Ștefan Motreanu, Ljudmila Novak, Stanislav Polčák, Jessica Polfjärd, Christine Schneider, Pernille Weiss, Michal Wiezik |
| S&D | Marek Paweł Balt, Monika Beňová, Simona Bonafè, Delara Burkhardt, Sara Cerdas, Mohammed Chahim, Tudor Ciuhodaru, Cyrus Engerer, Jytte Guteland, Javi López, César Luena, Alessandra Moretti, Sándor Rónai, Günther Sidl, Petar Vitanov, Tiemo Wölken |
| Renew | Pascal Canfin, Martin Hojsík, Jan Huitema, Ulrike Müller, Frédérique Ries, María Soraya Rodríguez Ramos, Nicolae Ștefănuță, Linea Søgaard-Lidell, Nils Torvalds, Véronique Trillet-Lenoir, Emma Wiesner |
| Greens/ALE | Margrete Auken, Bas Eickhout, Eleonora Evi, Martin Häusling, Pär Holmgren, Yannick Jadot, Tilly Metz, Ville Niinistö, Grace O'Sullivan |
| ID | Simona Baldassarre, Aurelia Beigneux Marco Dreosto, Catherine Griset, Sylvia Limmer, Joëlle Mélin, Silvia Sardone, Annalisa Tardino |
| ECR | Sergio Berlato, Pietro Fiocchi, Joanna Kopcińska, Giuseppe Milazzo, Rob Rooker, Alexandr Vondra, Anna Zalewska |
| The Left | Malin Björk, Manuel Bompard, Anja Hazekamp, Petros Kokkalis, Kateřina Konečná |
| NI | Antoni Comín i Oliveres |

| 1 | 0 |
|----|-------------------|
| ID | Teuvo Hakkarainen |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjonijiet

2.9.2021

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦAS-SUQ INTERN U L-ĦARSIEN TAL-KONSUMATUR

għall-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mill-asbestos
(2019/2182(INL))

Rapporteur għal opinjoni (*): Anne-Sophie Pelletier

(Inizjattiva – Artikolu 47 tar-Regoli ta' Proċedura)

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

SUĖĠERIMENTI

Il-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur jistieden lill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, bħala l-kumitat responsabbli:

- biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:
 - A. billi l-użu ta' fibri tal-asbestos u prodotti li fihom dawn il-fibri miżjuda intenzjonalment ġie pprojbit minn Jannar 2005¹ u l-Istati Membri jeħtiġilhom jiżguraw it-tneħħija gradwali kompleta tal-fibri tal-asbestos sa mhux aktar tard mill-2025²;
 - B. billi l-asbestos huwa rikonoxxut, kif inhu stabbilit u dokumentat sew, bħala kawża tal-kanċers tal-pulmun, larinġeali u tal-ovarji u l-mesoteljoma, b'perjodu ta' latenza ta' 20 sa 55 sena wara l-esponiment; billi studju mill-International Journal of Environmental Research and Public Health (Ġurnal Internazzjonali tar-Riċerka Ambjentali u s-Saħħa Pubblika) iqiegħed l-għadd ta' persuni li jmutu kull sena bħala riżultat tal-esponiment għall-asbestos għal madwar 250 000³;
 - C. billi, minkejja l-projbizzjoni tal-użu tal-asbestos fil-livell Ewropew, l-esponiment għall-

¹ Għar-regoli attwali dwar il-projbizzjoni tal-asbestos, ara r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni, (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.).

² Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1005 tat-22 ta' Ġunju 2016 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH) fir-rigward tal-fibri tal-asbestos (krisotil) (ĠU L 165, 23.6.2016, p. 4).

³ <https://www.mdpi.com/1660-4601/15/5/1000/htm>

asbestos huwa l-akbar kawża tal-kanċer tal-mesoteljoma, u jaffettwa wkoll lil individwi oħrajn permezz ta' żieda kontinwa fil-kanċers u l-mesoteljomi kif ukoll ma' disturbi oħrajn fil-pulmun u plewrali mhux malinni, marbuta mal-esponiment passiv u limitat barra mill-post tax-xogħol; billi ħafna każijiet ta' mard relatat mal-asbestos mhumiex rikonoxxuti bħala mard okkupazzjonali u hija meħtieġa aktar data;

- D. billi r-Regolament (KE) 1907/2006 ("ir-Regolament REACH") speċifika li l-manifattura, il-bejgħ u l-użu tal-fibri tal-asbestos u l-prodotti li fihom dawn il-fibri miżjuda intenzjonalment huwa pprojbit u billi r-Regolament (UE) 2016/1005 li jemenda l-Anness XVII tar-Regolament REACH għandu l-għan li jiżgura t-tneħħija gradwali kompleta tal-prodotti tal-asbestos fl-Istati Membri sal-1 ta' Lulju 2025;
- E. billi l-asbestos għadu preżenti f'ħafna binjiet amministrattivi, skejjel, djar, infrastruttura u faċilitajiet tat-trasport pubbliku u networks tal-provvista tal-ilma; billi l-għarfien dwar l-użu u l-preżenza ta' dik is-sustanza qed jonqos maż-żmien; billi l-preżenza tal-asbestos u n-nuqqas ta' tagħrif dwar dan jirrappreżentaw periklu għall-okkupanti u l-utenti kollha tal-bini;
- F. billi sehem sostanzjali tal-ambjent mibni eżistenti fl-Unjoni għandu aktar minn 50 sena u skont l-Osservatorju tal-Istokkijiet tal-Bini tal-UE, fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri, nofs l-istokk residenzjali nbena qabel l-1970 meta l-asbestos kien jintuża ħafna; billi r-residwi tal-asbestos fil-bini u l-konstruzzjonijiet li fihom l-asbestos joħolqu theddida għal gruppi differenti ħafna tal-popolazzjoni, inklużi s-sidien tad-djar, l-utenti, l-okkupanti u l-ħaddiema tal-bini, inkluż meta jkun jista' jitfarrak malajr, li jwassal għar-rilaxx ta' trab jew fibri fl-arja fejn jistgħu jinġibdu man-nifs jew jinbelgħu min-nies li jkunu esposti għalih b'mod passiv;
- G. billi minħabba t-tul tal-ħajja ta' bini b'komponenti li fihom l-asbestos, id-deterjorament tal-materjali, u l-mewġa ta' rinnovazzjoni tal-bini relatata mal-enerġija, il-proċessi ta' rinnovazzjoni se jkunu kumplessi, u joħolqu riskji immedjati ta' esponiment għal persuni fuq jew qrib is-siti tal-konstruzzjoni, kif ukoll riskji futuri għall-utenti u l-okkupanti minħabba r-rata baxxa ta' tixrid tal-asbestos;
- H. billi l-Parlament⁴ u s-sħab soċjali⁵ rikonoxxew l-utilità tar-reġistri pubbliċi tal-preżenza tal-asbestos u taċ-ċertifikati tekniċi kif introdotti f'diversi Stati Membri; billi xi Stati Membri żviluppaw reġistri tal-bini li fih l-asbestos; billi dan huwa punt ta' tluq tajjeb biex jiġi introdott rekwiżit bħal dan fl-Istati Membri kollha; billi l-Istrateġija dwar il-Mewġa ta' Rinnovazzjoni li għandha l-għan li tirdoppja r-rata ta' rinnovazzjoni tal-bini fl-għaxar snin li ġejjin biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u tar-riżorsi fis-settur tal-bini hija opportunità biex jinħolqu u jiġu implimentati reġistri nazzjonali tal-preżenza tal-asbestos;
- I. billi t-tneħħija tal-asbestos mingħajr għajjnuna finanzjarja tqiegħed piż finanzjarju sinifikanti fuq is-sidien tal-bini li, f'każijiet speċifiċi, jista' wkoll jaffettwa b'mod indirett lill-inkwilini; billi l-introduzzjoni ta' rekwiżiti għat-tneħħija sikura tal-asbestos trid tkun soċjalment ġusta u għaldaqstant trid tkun akkumpanjata minn miżuri xierqa li

⁴ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Marzu 2013 dwar theddid għas-saħħa okkupazzjonali marbut mal-asbestos u prospettivi għall-eliminazzjoni tal-asbestos eżistenti kollu (ĠU C 36, 29.1.2016, p. 102).

⁵ Opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-18 ta' Frar 2015 dwar "It-tneħħija għalkollox tal-asbestos mill-UE" (ĠU C 251, 7.2015, p. 13).

jappoġġjaw lis-sidien biex jiffinanzjaw ir-rinnovazzjonijiet meħtieġa, kif ukoll miżuri għall-SMEs li jwettqu x-xogħlijiet; billi l-konsumaturi għandhom jiġu protetti billi jiġu miġġielda l-prattiki ta' frodi u tissaħħaħ is-sorveljanza tas-suq;

- J. billi l-leġislazzjoni fis-seħħ f'xi Stati Membri tpoġġi biss ċerti obbligi fuq is-sidien, l-amministraturi jew il-maniġers ta' bini li fih l-asbestos meta jibdew jużaw il-bini jew meta jkunu beħsiebhom jibdew id-demolizzjoni tiegħu, u mhux meta jbigħu bini mgħammar bi prodotti li fihom l-asbestos;
- K. billi l-impenn tal-Kummissjoni li tippreżenta proposta leġislattiva biex tkompli tnaqqas l-esponiment tal-ħaddiema għall-asbestos fl-2022 u l-pjan tagħha li tipprevjeni ż-żieda ta' vittmi ta' problemi relatati mal-asbestos huma passi milqugħa, u l-mewġa ta' rinnovazzjoni, filwaqt li toffri opportunità unika biex tiġi modernizzata l-infrastruttura tal-akkomodazzjoni għall-benefiċċju tal-konsumaturi kollha fl-Unjoni, għandha ssir fl-aktar kundizzjonijiet sikuri għal kulħadd;
1. Jitlob li l-Kummissjoni tippreżenta, abbażi tal-Artikolu 169(3) u l-Artikolu 114(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u b'kunsiderazzjoni tar-regolamenti nazzjonali eżistenti kif ukoll il-valutazzjoni tal-impatt fuq l-aktar mudelli effiċjenti, proposta leġislattiva li tistabilixxi skrinjar obligatorju għall-preżenza tal-asbestos f'bini mibni qabel l-2005, jew is-sena li fiha l-projbizzjoni nazzjonali fuq l-asbestos ġiet introdotta, qabel il-bejgħ jew il-kera tagħhom, filwaqt li tkun soċjalment ġusta u tqis is-sidien tal-bini; jeħtieġ li din il-proposta tistabilixxi rekwiżiti minimi għal-lokalizzazzjoni, l-identifikazzjoni u r-rappurtar tal-preżenza tal-asbestos fil-bini mibni qabel l-2005, jew is-sena tal-projbizzjoni nazzjonali tal-asbestos, taħt il-kundizzjonijiet li ġejjin:
- a. l-iskrinjar għandu jkun jikkonsisti f'dijanjożi tal-wieċ tal-preżenza ta' asbestos minn entità professjonali bi kwalifiki u permessi adatti previsti mid-dritt nazzjonali u dak tal-Unjoni u jrid ikun segwit minn proposta għal azzjoni biex jitnaqqas ir-riskju ppreżentat minn kwalunkwe asbestos skopert bl-użu tal-aħjar tekniki disponibbli; dan huwa mingħajr preġudizzju għall-obbligi skont id-Direttiva 2009/148/KE⁶;
- b. l-iskrinjar għandu jiġi vvalidat bil-ħruġ ta' ċertifikat dwar l-istat tar-riskju tal-asbestos li jagħti dettalji tal-partijiet skrinjati, il-konċentrazzjoni tal-fibri tal-asbestos, il-kwantità u l-post stmati tal-materjali li fihom l-asbestos u, fejn xieraq, l-azzjoni proposta li għandha tittieħed biex jitnaqqas ir-riskju ppreżentat mill-asbestos;
- c. ir-riżultat tal-iskrinjar għandu jiġi kkomunikat lil korp nazzjonali kompetenti permezz ta' proċedura rapida u punt uniku ta' servizz; dak il-korp għandu jżomm reġistru nazzjonali taċ-ċertifikati tat-tnaqqis tar-riskju tal-asbestos, filwaqt li l-punt uniku ta' servizz għandu jinforma u jipprovdi pariri lis-sidien dwar:
- il-leġislazzjoni applikabbli;
 - il-mod korrett u sikur biex jitneħħa l-asbestos misjub, fejn dan ikun teknikament

⁶ Id-Direttiva 2009/148/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema mir-riskji konnessi mal-espożizzjoni għall-asbestos fuq ix-xogħol (ĠU L 330, 16.12.2009, p. 28.).

possibbli;

- kif tikkapsula, tippreserva, timmarka u timmonitorja b'mod sikur l-asbestos li jkun fih partijiet li ma jistgħux jitneħħew fi żmien qasir;
- il-lista ta' operaturi ċertifikati u l-informazzjoni dwar l-appoġġ finanzjarju disponibbli;

- d. il-Kummissjoni għandha tipprovdha għidha lill-Istati Membri dwar it-tfassil tar-reġistri nazzjonali tal-asbestos sabiex jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-suq intern; l-aċċess għal dan ir-reġistru għandu jkun mingħajr ħlas għas-sidien, ix-xerrejja u l-kerrejja tal-bini, kif ukoll għall-ħaddiema u l-SMEs; iċ-ċertifikat għandu jkun anness mal-kuntratt tal-bejgħ u għandu jkun disponibbli għall-kerrejja;
- e. sabiex l-utenti jew l-okkupanti jiġu protetti bl-aktar mod effettiv possibbli, l-iskrinjar u, jekk meħtieġ, it-tneħħija, jew jekk teknikament mhux possibbli fuq terminu qasir, l-inkapsulament, għandhom jitwettqu minn operaturi kkwalifikati u ċertifikati skont id-Direttiva 2009/148/KE u d-dritt u l-prattika nazzjonali u fl-ambitu tas-superviżjoni ta' korp nazzjonali kompetenti;
- f. iċ-ċertifikat għandu jintbagħat lix-xerrej, u jitqiegħed għad-dispożizzjoni tal-kerrej, kif ukoll fuq talba lill-professjonisti li jwettqu xogħol fil-bini jew tal-okkupanti jew tal-utenti;
- g. iċ-ċertifikat għandu jiġġedded mill-inqas kull ħames snin wara li jkun inħareġ, sabiex jaġġorna s-sejbiet li jinsabu fih;
- h. jistgħu jiġu stabbiliti multi effettivi, proporzjonati u dissważivi għal sidien ta' bini li m'għandhomx ċertifikat validu qabel ibiġġu bini; il-bejgiegħa jew il-lokaturi ta' bini għandhom ikunu responsabbli għal daww l-obbligi, bil-perjodu ta' responsabbiltà stabbilit mill-Istati Membri; il-multi jistgħu jiġu allokat i mill-Istati Membri għal fondi *ad hoc* biex jiffinanzjaw it-tneħħija tal-asbestos u jappoġġjaw lill-vittmi tal-problemi relatati mal-asbestos;

2. Jistieden lill-Kummissjoni tibbaża l-valutazzjoni tal-impatt tagħha biex tkun preparata għall-proposta leġislattiva tagħha fuq:

- l-aħjar u l-aktar metodi effiċjenti għall-iskrinjar tal-bini għall-preżenza tal-asbestos;
- metodi sikuri u kosteffiċjenti għat-tneħħija tal-asbestos mill-bini (taħriġ obbligatorju għall-ħaddiema, użu tal-aktar teknoloġiji aġġornati, rilokazzjoni tal-abitanti fl-inħawi waqt xogħlijiet ta' ħolqien ta' trab) li jkopru kemm l-obbligi statutorji kif ukoll l-inċentivi, sabiex jitnaqqas ir-riskju tal-esponiment għall-asbestos għall-utenti u l-abitanti tal-bini;
- miżuri ta' akkumpanjament għall-SMEs biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tar-regolamenti relatati mal-asbestos, inklużi inċentivi finanzjarji u appoġġ finanzjarju adegwat għas-sidien tal-bini, inkluż bini abbandunati, li jinvolvu ruħhom fl-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-asbestos;

3. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu azzjoni sabiex iqajmu sensibilizzazzjoni dwar l-asbestos f'bini mibni qabel l-2005, jew is-sena li fiha l-projbizzjoni nazzjonali fuq l-asbestos ġiet introdotta, u tintroduċi proċedura legali għat-tneħħija tal-asbestos fir-rigward tar-residenti u s-sidien prospettivi; jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jniedu miżuri ta' akkumpanjament li jinvolvu kampanji ta' sensibilizzazzjoni għall-SMEs; jinsisti li t-tranżizzjoni lejn Unjoni Ewropea ħielsa mill-asbestos għandha tkun soċjalment ġusta u tinkludi appoġġ għas-sidien privati u l-SMEs; jissottolinja li għandha tingħata attenzjoni speċjali lill-bini u l-faċilitajiet abbandunati li jista' jkollhom l-asbestos u jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jsibu soluzzjoni vijabbli għall-inklużjoni tagħhom fir-reġistri nazzjonali tal-asbestos;
4. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jippromwovu kampanji pubbliċi ta' informazzjoni, sabiex iqajmu sensibilizzazzjoni dwar ir-riskji relatati mal-varjetajiet kollha tal-asbestos u għal-livelli kollha ta' esponiment, inkluż esponiment sekondarju;
5. Jinnota l-obbligi amministrattivi addizzjonali ta' rekwiżiti ġodda bħal dawn; jenfasizza li kemm ir-rekwiżit tal-monitoraġġ kif ukoll it-tneħħija tal-asbestos jeħtieġu appoġġ finanzjarju xieraq mill-baġit tal-Unjoni; iħeġġeġ lill-Istati Membri joħolqu fondi potenzjali u appoġġ finanzjarju lis-sidien tal-bini biex jallokaw ammont sinifikanti ta' nfiq relatat mal-iskrinjar għall-preżenza tal-asbestos u jevitaw ir-riskju li l-bini jiġi abbandunat;
6. Jissottolinja li attwalment, l-Istati Membri jistgħu jallokaw Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej għall-ġestjoni u t-tneħħija tal-asbestos f'konformità mal-oġettivi tal-programmi nazzjonali jew reġjonali rispettivi; jenfasizza f'dan il-kuntest l-opportunitajiet uniċi mogħtija f'dan ir-rigward mill-Patt Ekoloġiku, in-Next Generation EU u l-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-27; jenfasizza li s-sidien tal-bini għandu jkollhom il-possibbiltà li jkollhom aċċess dirett jew indirett għal dawk il-mekkaniżmi ta' appoġġ finanzjarju, biex jiffinanzjaw il-manutenzjoni, ix-xogħlijiet ta' rinnovazzjoni u demolizzjoni relatati mat-tneħħija tal-asbestos;
7. Jinsisti dwar il-ħtieġa li jiġi żviluppat proċess ta' standardizzazzjoni li jneħħi l-fibri tal-asbestos biex jitnaqqas il-piż tal-proċedura u jtaffi l-kompiti amministrattivi fuq il-kumpaniji, speċjalment l-SMEs; jistieden lill-Kummissjoni tfassal programm umbrella għall-appoġġ finanzjarju kollu disponibbli għas-sidien u għall-azzjonijiet tal-Istati Membri mmirati li jneħħu u jarmu bla periklu l-asbestos, inklużi attivitajiet ta' informazzjoni u edukazzjoni, b'kunsiderazzjoni tal-impatt negattiv tal-asbestos fuq is-saħħa tal-persuni u l-ispiża konsiderevoli li jiġi skopert u mneħħi;
8. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi gwida għall-pjanijiet nazzjonali tat-tneħħija tal-asbestos, li fl-ambitu tagħhom l-Istati Membri għandhom jiddefinixxu u jimplementaw oġettivi għat-tneħħija tal-asbestos minn bini pubbliku u privat, jistabbilixxu punti uniċi ta' servizz biex jiċċentralizzaw l-azzjonijiet u l-informazzjoni dwar il-pjanijiet nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos; il-punt uniku ta' kuntatt stabbilit mill-Istati Membri jista' jservi wkoll bħala punt ta' kuntatt nazzjonali biex jassisti lill-vittmi u lill-familji tagħhom u l-Istati Membri għandhom jikkunsidraw li jistabbilixxu mekkaniżmi ċari u effiċjenti ta' kumpens għall-vittmi ta' mard relatat mal-asbestos;
9. Jenfasizza li l-gwida Ewropea għall-pjanijiet nazzjonali għat-tneħħija tal-asbestos għandha tinkludi l-istabbiliment ta' pjattaforma Ewropea għall-awtoritajiet nazzjonali

biex jirrappurtaw il-preżenza tal-asbestos fid-dawl tal-immappjar u l-iskambju ta' prattiki tajba dwar it-tneħħija u r-rimi bla periklu tiegħu; iżid li din il-pjattaforma għandha tkun kompletament aċċessibbli għall-pubbliku ġenerali u għandha tinkludi data rrapportata fir-reġistri nazzjonali;

10. Jenfasizza li l-pjanijiet għat-tneħħija tal-asbestos għandhom jiprijoritizzaw ċerti bini, bħal skejjel, gyms u akkomodazzjoni soċjali, u jkunu soġġetti għal evalwazzjonijiet u rieżamijiet regolari;
11. Jenfasizza li d-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti għandhom jintużaw biex jipprevjenu t-tqegħid illegali u l-użu tal-asbestos fis-suq intern u jenfasizza f'dan ir-rigward l-importanza ta' attivitajiet imsaħħa għas-sorveljanza tas-suq; ifakkar li t-tiħiħ tal-isforzi biex il-prodotti mhux konformi, anke dawk li fihom l-asbestos, jinżammu barra mis-suq tal-Unjoni ġie identifikat bħala prijorità fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-28 ta' Ottubru 2015 dwar "Naġġornaw is-Suq Uniku: opportunitajiet aktar għaċ-ċittadini u għan-negozji".

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| | |
|---|--|
| Data tal-adozzjoni | 1.9.2021 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 45 -: 0 0: 0 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Alex Agius Saliba, Andrus Ansip, Pablo Arias Echeverría, Alessandra Basso, Brando Benifei, Adam Bielan, Hynek Blaško, Biljana Borzan, Vlad-Marius Botoș, Markus Buchheit, Andrea Caroppo, Anna Cavazzini, Dita Charanzová, Deirdre Clune, David Cormand, Carlo Fidanza, Evelyne Gebhardt, Alexandra Geese, Sandro Gozi, Maria Grapini, Svenja Hahn, Virginie Joron, Eugen Jurzyca, Marcel Kolaja, Kateřina Konečná, Andrey Kovatchev, Jean-Lin Lacapelle, Maria-Manuel Leitão-Marques, Morten Løkkegaard, Adriana Maldonado López, Antonius Manders, Beata Mazurek, Leszek Miller, Anne-Sophie Pelletier, Miroslav Radačovský, Christel Schaldemose, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Kim Van Sparrentak, Marion Walsmann, Marco Zullo |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Salvatore De Meo |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

| 45 | + |
|-----------|---|
| ECR | Adam Bielan, Carlo Fidanza, Eugen Jurzyca, Beata Mazurek |
| ID | Alessandra Basso, Hynek Blaško, Markus Buchheit, Virginie Joron, Jean-Lin Lacapelle |
| NI | Miroslav Radačovský |
| PPE | Pablo Arias Echeverría, Andrea Caroppo, Deirdre Clune, Salvatore De Meo, Andrey Kovatchev, Antonius Manders, Andreas Schwab, Tomislav Sokol, Ivan Štefanec, Róża Thun und Hohenstein, Tom Vandenkendelaere, Marion Walsmann |
| Renew | Andrus Ansip, Vlad-Marius Botoș, Dita Charanzová, Sandro Gozi, Svenja Hahn, Morten Løkkegaard, Marco Zullo |
| S&D | Alex Agius Saliba, Brando Benifei, Biljana Borzan, Evelyne Gebhardt, Maria Grapini, Maria-Manuel Leitão-Marques, Adriana Maldonado López, Leszek Miller, Christel Schaldemose |
| The Left | Kateřina Konečná, Anne-Sophie Pelletier |
| Verts/ALE | Anna Cavazzini, David Cormand, Alexandra Geese, Marcel Kolaja, Kim Van Sparrentak |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 0 | 0 |
|---|---|
| | |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| | |
|---|--|
| Data tal-adozzjoni | 27.9.2021 |
| Riżultat tal-votazzjoni finali | +: 47 -: 0 0: 7 |
| Membri preżenti għall-votazzjoni finali | Atidzhe Alieva-Veli, Abir Al-Sahlani, Dominique Bilde, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Jordi Cañas, David Casa, Leila Chaibi, Margarita de la Pisa Carrión, Jarosław Duda, Estrella Durá Ferrandis, Lucía Ďuriš Nicholsonová, Nicolaus Fest, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, France Jamet, Agnes Jongerius, Radan Kanev, Ādám Kósa, Stelios Kypouropoulos, Katrin Langensiepen, Miriam Lexmann, Elena Lizzi, Kira Marie Peter-Hansen, Dragoş Pîslaru, Dennis Radtke, Elżbieta Rafalska, Guido Reil, Daniela Rondinelli, Mounir Satouri, Monica Semedo, Vincenzo Sofo, Beata Szydło, Eugen Tomac, Romana Tomc, Marie-Pierre Vedrenne, Nikolaj Villumsen, Marianne Vind, Maria Walsh, Stefania Zambelli, Tomáš Zdechovský |
| Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali | Alex Agius Saliba, Konstantinos Arvanitis, Johan Danielsson, Gheorghe Falcă, Lina Gálvez Muñoz, Sara Matthieu, Beata Mazurek, Eugenia Rodríguez Palop, Véronique Trillet-Lenoir |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

| 47 | + |
|-----------|---|
| ID | Dominique Bilde, France Jamet, Elena Lizzi, Stefania Zambelli |
| NI | Ádám Kósa, Daniela Rondinelli |
| PPE | David Casa, Jarosław Duda, Gheorghe Falcă, Loucas Fourlas, Cindy Franssen, Helmut Geuking, Radan Kanev, Stelios Kypouropoulos, Miriam Lexmann, Dennis Radtke, Eugen Tomac, Romana Tomc, Maria Walsh, Tomáš Zdechovský |
| Renew | Atidzhe Alieva-Veli, Abir Al-Sahlani, Jordi Cañas, Lucia Ďuriš Nicholsonová, Dragoş Pîslaru, Monica Semedo, Véronique Trillet-Lenoir, Marie-Pierre Vedrenne |
| S&D | Alex Agius Saliba, Gabriele Bischoff, Vilija Blinkevičiūtė, Milan Brglez, Johan Danielsson, Estrella Durá Ferrandis, Lina Gálvez Muñoz, Elisabetta Gualmini, Alicia Homs Ginel, Agnes Jongerius, Marianne Vind |
| The Left | Konstantinos Arvanitis, Leila Chaibi, Eugenia Rodríguez Palop, Nikolaj Villumsen |
| Verts/ALE | Katrin Langensiepen, Sara Matthieu, Kira Marie Peter-Hansen, Mounir Satouri |

| 0 | - |
|---|---|
| | |

| 7 | 0 |
|-----|---|
| ECR | Beata Mazurek, Margarita de la Pisa Carrión, Elżbieta Rafalska, Vincenzo Sofo, Beata Szydło |
| ID | Nicolaus Fest, Guido Reil |

It-tifsira tas-simboli użati:

- + : favur
- : kontra
- 0 : astensjoni